II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/893

tal-21 ta' April 2023

li jemenda r-Regolament (UE) 2015/340 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 50, l-Artikolu 53, l-Artikolu 62(14) u (15) u l-Artikolu 72(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi u l-proċeduri amministrattivi relatati mal-liċenzji u ċ-ċertifikati tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

(2) Il-flessibbiltà u d-disponibbiltà limitati tar-riżorsi tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru fl-Unjoni jirrestringu l-kapaċità tas-Sistema Ewropea għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru ("ATM"). Għalhekk, huma meħtieġa adattamenti għall-qafas regolatorju dwar il-liċenzjar u l-kwalifiki tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

(3) Billi l-industrija tal-avjazzjoni qed tevolvi b'mod rapidu, hemm bżonn li r-Regolament (UE) 2015/340 jiġi aġġornat sabiex jiġi żgurat li jkun adatt għall-iskop, ikun kosteffettiv u f'konformità mal-istandards u l-prattiki applikabbli globalment. Huwa importanti li tiġi stabbilita sistema ħafifa ta' kwalifiki mingħajr l-ebda duplikazzjoni. Jenħtieġ li l-aġġornament tas-sillabi tat-taħriġ inizjali jiżgura allinjament adegwat mal-qafas regolatorju u mal-ħtiġijiet operazzjonali.

(4) L-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija") tqis li t-taħriġ militari tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li bħalissa huwa pprovdut fl-Istati Membri jista' jipprevedi livell għoli ta' sikurezza u huwa komparabbli mar-rekwiżiti ta' taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ċivili stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/340. Għalhekk, jenħtieġ li jitqies it-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru militari nazzjonali għall-ħruġ tal-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru tal-Unjoni.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 (ĠU L 63, 6.3.2015, p. 1).

(5) Wara applikazzjoni għal konverżjoni ta' liċenzja militari nazzjonali ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, tista' tinħareġ liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru sakemm l-esperjenza militari ta' taħriġ inizjali tal-applikant tissodisfa r-rekwiżiti ta' taħriġ inizjali stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/340 abbażi tar-rapport ta' konverżjoni nazzjonali u wara t-tlestija ta' kwalunkwe taħriġ addizzjonali li jirriżulta mill-analiżi tan-nuqqasijiet li jkun hemm f'dak ir-rapport.

(6) Għall-finijiet ta' dik il-konverżjoni, iċ-ċertifikati nazzjonali li juru l-konformità mar-rekwiżiti militari nazzjonali applikabbli jenħtieġ li jitqiesu ekwivalenti għal-liċenzji militari nazzjonali tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

(7) L-esperjenza miksuba preċedentement skont id-dispożizzjoni militari tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru jenħtieġ li titqies meta jiġi stabbilit il-kors ta' approvazzjoni tal-unità għall-applikant f'konformità mal-punt ATCO.D.055(b)(7) tal-Anness I.

(8) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-awtoritajiet militari tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkooperaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni effiċjenti tal-konverżjoni tal-liċenzji militari nazzjonali tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru f'liċenzji tal-istudenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru.

(9) Ir-rekwiżiti applikabbli għall-awtoritajiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/340 jenħtieġ li jiġu aġġornati fid-dawl tal-progress tekniku. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2015/340 u r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([3]), kif ukoll ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 ([4]), (UE) Nru 1178/2011 ([5]) u (UE) Nru 139/2014 ([6]), peress li fil-biċċa l-kbira tal-każijiet l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru ("ATCOs") u l-organizzazzjonijiet ta' taħriġ hija l-istess korp għal aktar minn dominju tal-avjazzjoni wieħed. Għalhekk, dan ir-Regolament jipprevedi "approċċ tas-sistema totali", li jenħtieġ li jinvolvi approċċ loġiku u teknoloġikament konsistenti fl-oqsma kollha tal-avjazzjoni.

(10) L-allinjament tar-Regolament (UE) 2015/340 mar-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) fir-rigward tar-rapportar, l-analiżi u s-segwitu tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili jenħtieġ li jżid iċ-ċertezza legali u jappoġġa l-implimentazzjoni ta' sistemi effettivi ta' rapportar tal-okkorrenzi bħala parti mill-ġestjoni tas-sikurezza tal-organizzazzjonijiet.

(11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

([5]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

([6]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 18).

"(a) ir-regoli u l-proċeduri għall-ħruġ, għaż-żamma, għall-emendar, għal-limitazzjoni, għas-sospensjoni jew għar-revoka tal-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u tal-istudenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet assoċjati, inklużi r-regoli u l-proċeduri għall-konverżjoni tal-liċenzji nazzjonali tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru miksuba matul is-servizz militari fil-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru tal-Unjoni, u l-privileġġi u r-responsabbiltajiet tad-detenturi ta' dawk il-liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet;";

(2) fl-Artikolu 1(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-istudenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u l-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139;";

(3) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Għoti ta' servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru

1. Is-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għandhom jiġu pprovduti biss minn kontrolluri tat-traffiku tal-ajru kkwalifikati u liċenzjati f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri jistgħu japplikaw dan ir-Regolament għall-persunal militari tagħhom li jipprovdi servizzi lill-pubbliku.";

(4) L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(2) "mezzi aċċettabbli ta' konformità (AMC)" tfisser standards mhux vinkolanti adottati mill-Aġenzija sabiex juru l-mezzi li bihom tiġi stabbilita l-konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu;";

(b) il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(5) "mezzi alternattivi ta' konformità" tfisser alternattiva għal AMC eżistenti, jew mezz ġdid biex jistabbilixxi konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u mal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu u li għalihom ma ġie adottat l-ebda AMC assoċjat mill-Aġenzija;";

(c) jiddaħħlu l-punti (7a) u (7b) li ġejjin:

"(7a) "kreditu" tfisser ir-rikonoxximent tat-taħriġ imwettaq minn kontrollur tat-traffiku tal-ajru matul is-servizz militari tiegħu għall-fini tal-applikazzjoni għal liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru li għandha tinħareġ f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(7b) "rapport nazzjonali ta' konverżjoni" tfisser rapport li abbażi tiegħu taħriġ minn qabel mill-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jista' jingħata kreditu mill-awtorità kompetenti li lilha tiġi sottomessa l-applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru;";

(d) il-punt (11) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(11) "materjal ta' gwida (GM)" tfisser materjal mhux vinkolanti maħruġ mill-Aġenzija, li jgħin biex tiġi spjegata t-tifsira ta' atti delegati jew ta' implimentazzjoni u li jintuża biex jappoġġa l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/1139 u tal-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu;";

(e) jiddaħħal il-punt (14a) li ġej:

"(14a) "approvazzjoni tal-liċenzja" tfisser l-awtorizzazzjoni mdaħħla fuq u li tifforma parti mil-liċenzja, li tindika kwalifika speċifika tad-detentur tal-liċenzja. Huwa terminu ġeneriku użat biex jiddeskrivi l-inklużjoni ta' approvazzjonijiet ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol, ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku, ta' assessur u tal-proficjenza tal-lingwa.";

(f) il-punt (19) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(19) "inabbiltà provviżorja" tfisser stat temporanju li fih id-detentur tal-liċenzja jiġi pprevenut milli jeżerċita l-privileġġi tal-liċenzja meta l-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikat mediku tiegħu jkunu validi;";

(g) jiddaħħal il-punt (20a) li ġej:

"(20a) "klassifikazzjoni" tfisser l-awtorizzazzjoni mniżżla fuq liċenzja jew assoċjata magħha u li tifforma parti minnha, li ssemmi l-kundizzjonijiet, il-privileġġi, jew il-limitazzjonijiet speċjali li jappartjenu għal din il-liċenzja;";

(h) il-punt (31) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(31) "validazzjoni" tfisser proċess li permezz tiegħu, bit-tlestija b'suċċess ta' kors ta' approvazzjoni unitarju assoċjat ma' klassifikazzjoni jew approvazzjoni ta' klassifikazzjoni, id-detentur jista' jibda jeżerċita l-privileġġi ta' dik il-klassifikazzjoni jew approvazzjoni ta' klassifikazzjoni.";

(5) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Il-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet maħruġin f'konformità mad-dispożizzjonijiet relevanti tal-leġiżlazzjoni nazzjonali abbażi tad-Direttiva 2006/23/KE, u l-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet u l-approvazzjonijiet maħruġin f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 805/2011 għandhom jitqiesu bħala maħruġin f'konformità ma' dan ir-Regolament.

2. Id-detenturi tal-klassifikazzjoni tal-Viżwali tal-Kontroll tal-Ajrudrom (ADV), li ma għandhomx klassifikazzjoni ta' Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom (ADI), għandhom ikomplu jkunu awtorizzati jipprovdu servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lit-traffiku tal-ajrudrom f'ajrudrom li ma jkollu l-ebda approċċ ta' strument jew proċedura ta' tluq ippubblikati, sakemm tinżamm il-validità tal-approvazzjoni tal-unità relatata mal-klassifikazzjoni ADV.";

(6) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Bidliet fil-klassifikazzjoni u fl-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ibiddlu l-isem tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom (ADI) maħruġa qabel l-4 ta' Awwissu 2024 għal Kontroll tal-Ajrudrom (ADC) mhux aktar tard mill-4 ta' Awwissu 2027 b'mod stabbilit mill-awtorità kompetenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx joħorġu liċenzji li jinkludu l-klassifikazzjoni Viżwali tal-Kontroll tal-Ajrudrom (ADV) wara l-4 ta' Awwissu 2024 ħlief għal dawk il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 7.

3. L-awtoritajiet kompetenti ma għandhomx joħorġu liċenzji inklużi approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajru (AIR), tal-Kontroll tal-Moviment fl-Art (GMC), tal-Kontroll mit-Torri (TWR), tas-Sorveljanza tal-Moviment fl-Art (GMS), tal-Kontroll bir-Radar tal-Ajrudrom (RAD) u tal-Kontroll tat-Terminal (TCL) wara l-4 ta' Awwissu 2024.

4. Il-privileġġi tal-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajru (AJRU), tal-Kontroll tal-Moviment fl-Art (GMC) u tal-Kontroll mit-Torri (TWR) maħruġa qabel l-4 ta' Awwissu 2024 għandhom isiru parti mill-privileġġi ta' klassifikazzjoni ta' Kontroll tal-Ajrudrom (ADC). Jekk l-eżerċitar tal-privileġġi tad-detentur ikun limitat għall-kontroll tal-ajru jew għall-kontroll fuq l-art biss, dan għandu jiġi indikat fl-approvazzjoni tal-unità, f'konformità mal-punt ATCO.B.020(d) tal-Anness I, fil-ħin tal-bidla fl-isem tal-klassifikazzjoni ta' Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom (ADI) fil-Kontroll tal-Ajrudrom (ADC) f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

5. Il-privileġġi tal-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Moviment fl-Art (GMS) maħruġa qabel l-4 ta' Awwissu 2024 għandhom isiru parti mill-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità assoċjata mal-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajrudrom.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ibiddlu l-isem tal-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll bir-Radar tal-Ajrudrom (RAD) maħruġa qabel l-4 ta' Awwissu 2024 għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Ajrudrom (SUR) fil-ħin tal-bidla fl-isem tal-klassifikazzjoni ta' Kontroll Strumentali ta' Ajrudrom (ADI) għal Kontroll tal-Ajrudrom (ADC) f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

7. Il-privileġġi tal-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll tat-Terminal (TCL) maħruġa qabel l-4 ta' Awwissu 2024 għandhom isiru parti mill-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità assoċjata mal-klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Approċċ (APS) jew tas-Sorveljanza tal-Kontroll taż-Żona (ACS).";

(7) Jiddaħħal l-Artikolu (8a) li ġej:

"*Artikolu 8a*

Konverżjoni ta' liċenzji militari nazzjonali ta' kontrolluri tat-traffiku tal-ajru f'liċenzji ta' studenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru

1. Detentur ta' liċenzja militari nazzjonali ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru maħruġa minn Stat Membru jista' japplika għall-konverżjoni ta' dik il-liċenzja f'liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru msemmija fil-punt ATCO.B.001. L-applikazzjoni għall-konverżjoni tal-liċenzja għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li l-applikant ikun serva fil-forzi militari tiegħu.

2. L-awtorità kompetenti li tkun irċeviet l-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħti kreditu lill-applikant għall-fini li tintwera l-konformità mar-rekwiżiti rilevanti tal-Anness I (il-Parti ATCO) f'konformità mar-rapport nazzjonali ta' konverżjoni stabbilit mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat.

3. Ir-rapport nazzjonali ta' konverżjoni għandu jiġi nnotifikat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat lill-Aġenzija u għandu:

(a) jiddeskrivi r-rekwiżiti nazzjonali li abbażi tagħhom jinħarġu l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru militari f'dak l-Istat Membru;

(b) jiddeskrivi l-ambitu tal-privileġġi tal-liċenzji militari tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru msemmija fil-punt (a);

(c) jindika għal liema rekwiżiti tal-Anness I (il-Parti ATCO) għandu jingħata kreditu;

(d) jindika t-taħriġ addizzjonali, inklużi l-eżamijiet u l-valutazzjonijiet meħtieġa, li għandhom jitwettqu mill-applikanti; l-eżamijiet u l-valutazzjonijiet meħtieġa għandhom jitwettqu minn organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR), u li tkun iċċertifikata biex tipprovdi taħriġ inizjali għall-fini tal-ħruġ ta' liċenzji ta' studenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(e) jinkludi dikjarazzjoni li tikkonferma li l-konformità tal-applikant mar-rekwiżiti tat-taħriġ, ta' eżami u ta' valutazzjoni deskritti fir-rapport nazzjonali ta' konverżjoni jistgħu jitqiesu bħala ekwivalenti għat-tlestija b'suċċess tat-taħriġ inizjali meħtieġ skont dan ir-Regolament għall-fini tal-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru;

(f) jinkludi kopji tad-dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti kollha, inklużi kopji tar-rekwiżiti u tal-proċeduri nazzjonali rilevanti, li juru kif l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tkun stabbiliet l-elementi elenkati fil-punti (a) sa (e) hawn fuq.";

(8) L-Annessi I sa IV huma emendati f'konformità mal-Annessi I sa IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Data tad-dħul fis-seħħ u tal-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-4 ta' Awwissu 2024.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I (il-PARTI ATCO) tar-Regolament (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

1. il-punt ATCO.A.010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.A.010 Applikazzjoni għal bidla tal-awtorità kompetenti**

(a) Jekk id-detentur tal-liċenzja jkollu jeżerċita l-privileġġi ta' approvazzjoni tal-unità fi Stat Membru li l-awtorità kompetenti tiegħu ma tkunx dik li tkun ħarġet il-liċenzja, id-detentur tal-liċenzja għandu jitlob bidla tal-awtorità kompetenti lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn dawk il-privileġġi jridu jiġu eżerċitati f'konformità mal-proċedura stabbilita minn dik l-awtorità. Għal dan il-għan, l-awtoritajiet kompetenti involuti għandhom jikkondividu l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex titwettaq il-bidla tal-awtorità kompetenti u biex isir l-iskambju tal-liċenzja skont il-proċeduri msemmija fil-punt ATCO.AR.B.001(c) u l-punt ATCO.AR.D.003.

(b) B'deroga mill-punt (a) ta' hawn fuq, bidla tal-awtorità kompetenti ma hijiex meħtieġa meta jiġu eżerċitati biss privileġġi ta' għalliem jew ta' assessur ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku f'ambjent ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku jew meta jiġu eżerċitati l-privileġġi ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru.

(c) Għall-finijiet tal-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja fi Stat Membru għajr dak li fih tkun inħarġet il-liċenzja, id-detentur tal-liċenzja jrid jissodisfa r-rekwiżiti tal-profiċjenza fil-lingwa msemmija fil-punt ATCO.B.030 stabbiliti mill-Istat Membru fejn għandhom jiġu eżerċitati l-privileġġi.";

2. il-punt ATCO.A.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.A.015 Eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzji u inabbiltà proviżorja**

(a) L-eżerċitar tal-privileġġi mogħtija minn liċenzja għandu jiddependi mill-klassifikazzjonijiet u mill-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, il-validità tal-approvazzjonijiet tal-unità u tal-liċenzja, u taċ-ċertifikat mediku, sakemm iċ-ċertifikat mediku ma jkunx meħtieġ f'konformità mal-punt (b).

(b) Iċ-ċertifikat mediku ma jkunx meħtieġ meta jiġu eżerċitati privileġġi ta' għalliem jew ta' assessur f'ambjent ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku.

(c) Id-detenturi tal-liċenzji ma għandhomx jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom meta jkollhom dubji dwar jekk jistgħux jeżerċitaw b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja u għandhom f'każijiet bħal dawn jinnotifikaw immedjatament lill-fornitur tan-navigazzjoni tal-ajru rilevanti dwar l-inabbiltà provviżorja biex jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom.

(d) Il-fornituri tas-servizz tan-navigazzjoni tal-ajru jistgħu jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tad-detentur tal-liċenzja jekk isiru jafu b'xi dubju li jikkonċerna l-inabbiltà tad-detentur tal-liċenzja biex jeżerċita b'mod sikur il-privileġġi tal-liċenzja.

(e) Il-fornituri tas-servizz ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jiżviluppaw u jimplimentaw proċeduri oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji biex jippermettu lid-detenturi tal-liċenzja jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tagħhom li jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom f'konformità mal-punt (c), biex jiddikjaraw l-inabbiltà provviżorja tad-detentur tal-liċenzja f'konformità mal-punt (d), u biex jinfurmaw lill-awtorità kompetenti kif iddefinit f'dik il-proċedura.

(f) Il-proċeduri msemmija fil-punt (e) għandhom jiġu inklużi fl-iskema ta' kompetenza tal-unità skont il-punt ATCO.B.025(a)(13).";

3. il-punt ATCO.B.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.B.001 Liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru**

(a) Id-detenturi ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom ikunu awtorizzati jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru f'konformità mal-klassifikazzjoni(jiet) u mal-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni li jinsabu fil-liċenzja tagħhom taħt is-superviżjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol u li jagħmlu taħriġ għal approvazzjoni(jiet) ta' klassifikazzjoni u approvazzjoni(jiet) tal-unità addizzjonali.

(b) L-applikanti għal liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandhom:

(1) ikollhom mill-inqas 18-il sena;

(2) fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni, ikunu temmew b'suċċess it-taħriġ inizjali f'organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR) rilevanti għall-klassifikazzjoni, u jekk ikun applikabbli, għall-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, kif stabbilit fil-Parti ATCO, is-Sottoparti D, it-Taqsima 2;

(3) ikollhom ċertifikat mediku validu;

(4) ikunu wrew livell adegwat ta' profiċjenza lingwistika f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt ATCO.B.030.

(c) Il-liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għandha tinkludi l-approvazzjoni(jiet) tal-profiċjenza lingwistika u mill-inqas klassifikazzjoni waħda u, jekk applikabbli, approvazzjoni waħda tal-klassifikazzjoni.

(d) Id-detentur ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru li ma jkunx beda jeżerċita l-privileġġi ta' dik il-liċenzja fi żmien sena mid-data tal-ħruġ tagħha jew li jkun waqqaf temporanjament l-eżerċitar ta' dawk il-privileġġi għal perjodu ta' aktar minn sena jista' jibda jew jista' jkompli t-taħriġ fuq ix-xogħol biss f'dik il-klassifikazzjoni:

(1) jekk organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR) u ċċertifikata li tipprovdi taħriġ inizjali rilevanti għall-klassifikazzjoni tkun wettqet valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti dwar jekk id-detentur ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru għadux jissodisfa r-rekwiżiti rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni, u

(2) wara li jkun issodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta mill-valutazzjoni msemmija fil-punt (d)(1) hawn fuq.";

4. fil-punt ATCO.B.005, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Id-detentur ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru li ma jkunx beda jeżerċita l-privileġġi ta' klassifikazzjoni fi żmien sena mid-data tal-ħruġ tagħha jista' jibda biss taħriġ fuq ix-xogħol f'dik il-klassifikazzjoni:

(1) jekk organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR) u li tkun iċċertifikata sabiex tipprovdi taħriġ inizjali rilevanti għall-klassifikazzjoni tkun wettqet valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti dwar jekk il-kompetenza preċedenti tad-detentur ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru għadhiex tissodisfa r-rekwiżiti rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni, u

(2) wara li jkun issodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta mill-valutazzjoni msemmija fil-punt (e)(1) ta' hawn fuq.";

5. il-punt ATCO.B.010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.B.010 Klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru**

(a) Il-liċenzji għandhom jinkludu klassifikazzjoni waħda jew aktar minn dawn li ġejjin sabiex jindikaw it-tip ta' servizz li d-detentur tal-liċenzja jkun awtorizzat biex jipprovdi:

(1) il-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajrudrom (ADC), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għat-traffiku tal-ajrudrom;

(2) il-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Approċċ Proċedurali (APP), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li jaslu, li jitilqu jew li jagħmlu tranżitu, mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;

(3) il-klassifikazzjoni ta' Kontroll tal-Approċċ Proċedurali (APS), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li jaslu, li jitilqu jew li jagħmlu tranżitu, bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;

(4) il-klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACP), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru mingħajr l-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza;

(5) il-klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACS), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza.

(b) Id-detentur ta' klassifikazzjoni li jkun interrompa l-eżerċitar tal-privileġġi assoċjati ma' dik il-klassifikazzjoni għal perjodu ta' 4 snin konsekuttivi jew aktar immedjatament qabel is-snin konsekuttivi jista' jibda biss taħriġ fuq ix-xogħol f'dik il-klassifikazzjoni:

(1) jekk organizzazzjoni tat-taħriġ li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness III (il-Parti ATCO.OR) u ċċertifikata li tipprovdi taħriġ rilevanti għall-klassifikazzjoni, tkun wettqet valutazzjoni tal-kompetenza preċedenti dwar jekk dak id-detentur ta' klassifikazzjoni għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dik il-klassifikazzjoni, u;

(2) wara li jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ta' taħriġ li jirriżulta mill-valutazzjoni msemmija fil-punt (b)(1) ta' hawn fuq.";

6. il-punt ATCO.B.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.B.015 Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni**

(a) Il-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajrudrom (ADC) jista' jkollha l-approvazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Ajrudrom (SUR), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti biex jipprovdi kontroll tal-ajrudrom bl-għajnuna ta' sistemi ta' sorveljanza.

(b) Il-klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Avviċinament (APS) jista' jkollha mill-inqas waħda jew aktar mill-approvazzjonijiet li ġejjin:

(1) l-approvazzjoni ta' Avviċinament b'Radar ta' Preċiżjoni (PAR), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi lill-inġenji tal-ajru li jkunu fil-fażi finali ta' avviċinament għar-runway, avviċinamenti ta' preċiżjoni kkontrollati mill-art bl-użu ta' tagħmir tar-radar għall-avviċinament ta' preċiżjoni;

(2) l-approvazzjoni ta' Avviċinament b'Radar ta' Sorveljanza (SRA), li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi lill-inġenji tal-ajru li jkunu fil-fażi finali ta' avviċinament għar-runway, kontroll mill-art ta' avviċinamenti mhux ta' preċiżjoni, bl-użu ta' tagħmir ta' sorveljanza.

(c) Il-klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACP) jista' jkollha l-approvazzjoni tal-Kontroll Oċeaniku (OCN), li tindika li d-detentur huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li joperaw f'Żona ta' Kontroll Oċeaniku.

(d) Il-klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACS) jista' jkollha l-approvazzjoni OCN, li tindika li d-detentur tal-liċenzja huwa kompetenti sabiex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li joperaw f'Żona ta' Kontroll Oċeaniku.";

7. Il-punt ATCO.B.020 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.B.020 Approvazzjonijiet tal-unità**

(a) L-approvazzjoni tal-unità għandha tawtorizza lid-detentur tal-liċenzja biex jipprovdi servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru għal settur speċifiku, grupp ta' setturi u/jew pożizzjonijiet ta' ħidma taħt ir-responsabbiltà ta' unità ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru.

(b) L-applikanti għal approvazzjoni ta' unità għandhom ikunu temmew b'suċċess kors ta' approvazzjoni tal-unità f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti ATCO, is-Sottoparti D, it-Taqsima 3.

(c) Bħala eċċezzjoni għall-punt (b), il-fażi ta' taħriġ fuq ix-xogħol fil-Parti ATCO, is-Subparti D, it-Taqsima 3 tista' ma tkunx meħtieġa meta tinħareġ l-approvazzjoni tal-unità b'rabta mal-ħruġ ta' awtorizzazzjoni temporanja tal-OJTI għall-istess unità.

(d) Il-limitazzjonijiet fuq l-eżerċitar tal-privileġġi tal-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajrudrom (ADC) għandhom jiġu indikati fl-approvazzjoni tal-unità.

(e) L-applikanti għal approvazzjoni tal-unità li jbiddlu l-awtorità kompetenti tagħhom kif imsemmi fil-punt ATCO.A.010 għandhom, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt ATCO.B.020(b), jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-punt ATCO.D.060(f).

(f) Għal kontrolluri tat-traffiku tal-ajru li jipprovdu servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru lil inġenji tal-ajru li jwettqu testijiet tat-titjira, l-awtorità kompetenti tista', minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (b), tistabbilixxi rekwiżiti addizzjonali li għandhom jiġu ssodisfati.

(g) L-approvazzjonijiet tal-unità għandhom ikunu validi għal perjodu definit fl-iskema ta' kompetenza tal-unità. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż it-3 snin.

(h) Il-perjodu ta' validità ta' approvazzjonijiet tal-unità għal ħruġ u għal tiġdid inizjali għandu jibda sa mhux aktar tard minn 30 jum mid-data wara li tkun tlestiet b'suċċess il-valutazzjoni.

(i) L-approvazzjonijiet tal-unità għandhom jiġu rivalidati jekk:

(1) l-applikant ikun eżerċita l-privileġġi tal-liċenzja għal għadd minimu ta' sigħat kif iddefinit fl-iskema ta' kompetenza tal-unità;

(2) l-applikant ikun wettaq taħriġ ta' aġġornament fil-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni tal-unità skont l-iskema ta' kompetenza tal-unità;

(3) il-kompetenza tal-applikant tkun ġiet ivvalutata f'konformità mal-iskema ta' kompetenza tal-unità mhux aktar kmieni minn 3 xhur qabel id-data ta' skadenza tal-approvazzjoni tal-unità.

(j) L-approvazzjonijiet tal-unità għandhom jiġu rivalidati dment li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti fil-punt (i) f'perjodu ta' 3 xhur immedjatament qabel id-data ta' skadenza. F'każijiet bħal dawn, il-perjodu ta' validità, għandu jibda jgħodd minn dik id-data ta' skadenza.

(k) Jekk l-approvazzjoni tal-unità tiġi rivalidata qabel il-perjodu previst fil-punt (j), il-perjodu ta' validità tagħha ma għandux jibda aktar tard mit-30 jum mid-data li fiha tkun tlestiet b'suċċess il-valutazzjoni, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fil-punt (i)(1) u (2).

(l) Jekk il-validità tal-approvazzjoni tal-unità tiskadi, id-detentur tal-liċenzja għandu jtemm b'suċċess kors tal-approvazzjoni tal-unità f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti ATCO, is-Sottoparti D, it-Taqsima 3, sabiex iġedded l-approvazzjoni.";

8. Il-punt ATCO.B.025 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.B.025 Skema ta' kompetenza tal-unità**

(a) Għandha/hom tiġi/jiġu stabbilita/i l-iskema/i ta' kompetenza tal-unità mill-fornitur tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għandha/hom tiġi/jiġu approvata/i mill-awtorità kompetenti. Skema ta' kompetenza tal-unità għandha tinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(1) il-validità tal-approvazzjoni(jiet) tal-unità f'konformità mal-punt ATCO.B.020(g);

(2) il-perjodu kontinwu massimu meta l-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità ma jiġux eżerċitati matul il-validità tagħha. Dan il-perjodu ma għandux jaqbeż id-90 jum kalendarju;

(3) l-għadd minimu ta' sigħat jew, fil-każ ta' approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni SRA u PAR, l-għadd minimu ta' avviċinamenti, għall-eżerċitar tal-privileġġi tal-approvazzjoni tal-unità f'perjodu ta' żmien definit, li ma għandux jaqbeż it-12-il xahar, għall-fini tal-punt ATCO.B.020(i)(1). Għall-għalliema ta' taħriġ fuq ix-xogħol li jeżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni OJTI, il-ħin imqatta' jgħallmu għandu jingħadd sa massimu ta' 50 % tas-sigħat meħtieġa għar-rivalidazzjoni tal-approvazzjoni tal-unità;

(4) il-proċeduri għall-każijiet fejn id-detentur tal-liċenzja ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a)(2) u (3);

(5) il-proċessi għall-valutazzjoni tal-kompetenza, inkluż il-valutazzjoni tas-suġġetti ta' taħriġ ta' aġġornament skont il-punt ATCO.D.080(b);

(6) il-proċessi għall-eżaminazzjoni tal-għarfien u l-fehim teoretiku meħtieġa biex jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-klassifikazzjonijiet u tal-approvazzjonijiet;

(7) il-proċessi biex jiġu identifikati t-temi u s-sottotemi, l-objettivi u l-metodi ta' taħriġ għat-taħriġ ta' kontinwazzjoni;

(8) il-perjodu minimu u l-frekwenza tat-taħriġ ta' aġġornament;

(9) il-proċessi għall-eżaminazzjoni tal-għarfien teoretiku u/jew il-valutazzjoni tal-ħiliet prattiċi miksuba matul it-taħriġ ta' konverżjoni, inkluż il-marki biex wieħed jgħaddi mill-eżamijiet;

(10) il-proċessi f'każ ta' nuqqas ta' suċċess f'eżami jew valutazzjoni, inkluż il-proċessi ta' appell;

(11) il-kwalifiki, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-persunal tat-taħriġ;

(12) proċedura biex jiġi żgurat li l-għalliema prattiċi jkunu pprattikaw tekniki struzzjonali fil-proċeduri fejn tiġi pprovduta struzzjoni f'konformità mal-punt ATCO.C.010(b)(3) u ATCO.C.030(b)(3);

(13) il-proċeduri għad-dikjarazzjoni u għall-ġestjoni tal-każijiet ta' inabbiltà provviżorja biex jiġu eżerċitati l-privileġġi ta' liċenzja, kif ukoll biex tiġi infurmata l-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.A.015(e);

(14) l-identifikazzjoni tar-rekords li għandhom jinżammu speċifiċi għal taħriġ u valutazzjonijiet ta' kontinwazzjoni, f'konformità mal-punt ATCO.OR.C.020;

(15) proċess u raġunijiet għar-rieżami u għall-emenda tal-iskema ta' kompetenza tal-unità u s-sottomissjoni tagħha lill-awtorità kompetenti. Ir-rieżami tal-iskema ta' kompetenza tal-unità għandu jsir mill-inqas kull 3 snin.

(b) Sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (a)(3), il-forniturі tas-servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru għandhom iżommu rekord tas-sigħat, li matulhom, kull detentur ta' liċenzja jeżerċita l-privileġġi tal-approvazzjoni (jiet) tal-unità tiegħu li jaħdem fis-setturi, fil-grupp ta' setturi u/jew f'pożizzjonijiet ta' ħidma fl-unità ATC u għandu jipprovdi dik id-*data* lill-awtoritajiet kompetenti u lid-detentur tal-liċenzja fuq talba.

(c) Meta jiġu stabbiliti l-proċeduri msemmija fil-punt (a)(4) u (13), il-forniturі tas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru għandhom jiżguraw li jiġu applikati mekkaniżmi biex jiġi ggarantit trattament ġust tad-detenturi tal-liċenzji meta l-validità tal-approvazzjonijiet tagħhom ma tkunx tista' tiġi eskluża.";

9. fil-punt ATCO.B.040, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) It-turija ta' profiċjenza lingwistika għandha ssir permezz ta' metodu ta' valutazzjoni approvat minn kwalunkwe awtorità kompetenti, li għandha tinkludi:

(1) il-proċess li permezz tiegħu ssir valutazzjoni;

(2) il-kwalifika tal-assessuri;

(3) il-proċedura ta' appell.";

10. il-punt ATCO.C.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.015 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol**

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni OJTI għandu:

(a) ikollhom liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'approvazzjoni tal-unità valida;

(b) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru għal perjodu ta' mill-inqas sentejn immedjatament wara l-applikazzjoni. Dan il-perjodu jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ; u

(c) matul it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni, ikunu temmew b'suċċess kors ta' tekniki struzzjonali prattiċi li matulu jiġu mgħallma l-għarfien u l-ħiliet pedagoġiċi meħtieġa u dawn ikunu ġew ivvalutati b'mod xieraq.";

11. il-punt ATCO.C.020 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.020 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol**

(a) L-approvazzjoni ta' OJTI għandha tkun valida għal perjodu ta' 3 snin.

(b) L-approvazzjoni OJTI tista' tiġi rivalidata bit-tlestija b'suċċess tat-taħriġ ta' aġġornament fuq il-ħiliet struzzjonali prattiċi matul il-validità tiegħu, dment li jiġi ssodisfat ir-rekwiżiti tal-punt ATCO.C.015(a).

(c) Jekk l-approvazzjoni tal-OJTI tkun skadiet, dment li r-rekwiżit tal-punt ATCO.C.015(a) jiġi ssodisfat, din tista' tiġġedded jekk, fi żmien 12-il xahar qabel l-applikazzjoni għat-tiġdid, id-detentur tal-approvazzjoni tal-OJTI jkun:

(1) ingħata taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet struzzjonali prattiċi; u

(2) għadda b'suċċess minn valutazzjoni prattika tal-kompetenzi tal-għalliem.

(d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni OJTI ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha, il-valutazzjoni tkun tlestiet b'suċċess.

(e) Jekk ir-rekwiżit tal-punt ATCO.C.015(a) ma jiġix issodisfat, l-approvazzjoni OJTI tista' tiġi skambjata għal approvazzjoni STDI, dment li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti tal-punt ATCO.C.040(b) u (c).";

12. il-punt ATCO.C.030 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.030 Privileġġi ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku (STDI)**

(a) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' STDI huma awtorizzati jipprovdu taħriġ prattiku fuq apparati ta' taħriġ sintetiku:

(1) għal suġġetti ta' natura prattika matul it-taħriġ inizjali;

(2) għal taħriġ tal-unità minbarra l-OJT; u

(3) għal taħriġ ta' kontinwazzjoni.

Meta l-STDI jipprovdi pre-OJT, huwa/hija għandha/għandu jkollu/jkollha l-approvazzjoni tal-unità rilevanti.

(b) Id-detenturi ta' approvazzjoni STDI għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk:

(1) ikollhom mill-inqas sentejn esperjenza fil-klassifikazzjoni li se jgħallmu fiha;

(2) ikunu wrew għarfien tal-prattiki operazzjonali attwali;

(3) ikunu pprattikaw tekniki struzzjonali f'dawk il-proċeduri li dwarhom ikun se jingħata t-tagħlim.

(c) Bħala eċċezzjoni għall-punt (b)(1),

(1) il-perjodu ta' sentejn jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ;

(2) għall-finijiet ta' taħriġ bażiku, kwalunkwe klassifikazzjoni hija xierqa;

(3) għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tat-taħriġ, jista' jiġi pprovdut taħriġ għal kompiti operazzjonali speċifiċi u magħżula minn STDI li jkollu klassifikazzjoni li hija rilevanti għal dak il-kompitu operazzjonali speċifiku u magħżul.";

13. il-punt ATCO.C.035 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.035 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku**

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni ta' STDI għandhom:

(a) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru fi kwalunkwe klassifikazzjoni għal mill-inqas sentejn. Dan il-perjodu jista' jitqassar għal mhux anqas minn sena mill-awtorità kompetenti meta mitlub mill-organizzazzjoni tat-taħriġ; u

(b) matul it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni, ikunu temmew b'suċċess kors ta' tekniki struzzjonali prattiċi li matulu jiġu mgħallma l-għarfien u l-ħiliet pedagoġiċi meħtieġa permezz ta' metodi teoretiċi u prattiċi u jkunu ġew ivvalutati b'mod xieraq.";

14. il-punt ATCO.C.040 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.040 Validità ta' approvazzjoni ta' għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku**

(a) L-approvazzjoni ta' STDI għandha tkun valida għal perjodu ta' 3 snin.

(b) L-approvazzjoni ta' STDI tista' tiġi rivalidata billi jitlesta b'suċċess taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet struzzjonali prattiċi u fuq prattiki operazzjonali attwali matul il-perjodu ta' validità tagħha.

(c) Jekk l-approvazzjoni ta' STDI tkun skadiet, din tista' tiġġedded jekk, fi żmien it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni għat-tiġdid, id-detentur tal-approvazzjoni ta' STDI ikun:

(1) irċieva taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet struzzjonali prattiċi u fuq prattiki operazzjonali attwali; u

(2) għadda b'suċċess minn valutazzjoni prattika tal-kompetenzi tal-għalliem.

(d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni ta' STDI ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha l-valutazzjoni tlestiet b'suċċess.";

15. il-punt ATCO.C.045 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.045 Privileġġi tal-assessuri**

(a) Persuna għandha twettaq biss valutazzjonijiet meta jkollha approvazzjoni ta' assessur.

(b) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur huma awtorizzati biex iwettqu valutazzjonijiet:

(1) matul it-taħriġ inizjali għall-ħruġ ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni u/jew approvazzjoni ta' klassifikazzjoni ġdida, jekk ikun applikabbli;

(2) tal-kompetenza preċedenti għall-finijiet tal-punti ATCO.B.001(d), ATCO.B.005(e) u ATCO.B.010(b);

(3) ta' studenti kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għall-ħruġ ta' approvazzjoni tal-unità u approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni, jekk ikun applikabbli;

(4) tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru għall-ħruġ ta' approvazzjoni tal-unità u l-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni, jekk ikun applikabbli, kif ukoll għar-rivalidazzjoni u għat-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità;

(5) tal-għalliema prattiċi tal-applikant jew tal-assessuri tal-applikant meta tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-punti (d)(2) sa (4).

(c) Id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni jekk ikollhom:

(1) mill-inqas esperjenza ta' sentejn fil-klassifikazzjoni u l-approvazzjoni(jiet) ta' klassifikazzjoni li se jivvalutaw; u

(2) juru għarfien tal-prattiki operazzjonali attwali.

(d) Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (c), id-detenturi ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom jeżerċitaw biss il-privileġġi tal-approvazzjoni:

(1) għal valutazzjonijiet li jwasslu għall-ħruġ, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid ta' approvazzjoni tal-unità, jekk ikollhom ukoll l-approvazzjoni tal-unità assoċjata mal-valutazzjoni għall-perjodu eżattament qabel ta' mill-inqas sena;

(2) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' approvazzjoni ta' STDI, jekk ikollhom approvazzjoni ta' STDI jew OJTI u jkunu eżerċitaw il-privileġġi ta' dik l-approvazzjoni għal mill-inqas 3 snin;

(3) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' approvazzjoni ta' OJTI, jekk ikollhom approvazzjoni ta' OJTI u jkunu eżerċitaw il-privileġġi ta' dik l-approvazzjoni għal mill-inqas 3 snin;

(4) għall-valutazzjoni tal-kompetenza ta' applikant għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' approvazzjoni ta' assessur, jekk ikunu eżerċitaw il-privileġġi tal-approvazzjoni tal-assessur għal mill-inqas 3 snin.

(e) Meta ssir valutazzjoni għall-fini tal-ħruġ u tiġdid ta' approvazzjoni ta' unità, u għall-iżgurar tas-superviżjoni fuq il-pożizzjoni ta' ħidma operazzjonali, l-assessur għandu jkollu wkoll approvazzjoni ta' OJTI, jew għandu jkun preżenti OJTI li jkollu l-approvazzjoni tal-unità valida assoċjata mal-valutazzjoni.";

16. il-punt ATCO.C.055 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.055 Applikazzjoni għal approvazzjoni ta' assessur**

L-applikanti għall-ħruġ ta' approvazzjoni ta' assessur għandhom:

(a) ikunu eżerċitaw il-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur ta' traffiku tal-ajru għal mill-inqas sentejn; u

(b) matul it-12-il xahar ta' qabel l-applikazzjoni, ikunu lestew b'suċċess kors ta' assessur li matulu jiġu mgħallma l-għarfien u l-ħiliet meħtieġa permezz ta' metodi teoretiċi u prattiċi u jkunu ġew ivvalutati b'mod xieraq.";

17. il-punt ATCO.C.060 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.C.060 Validità tal-approvazzjoni tal-assessur**

(a) L-approvazzjoni ta' assessur għandha tkun valida għal perjodu ta' 3 snin.

(b) L-approvazzjoni ta' assessur tista' tiġi rivalidata billi jitlesta b'suċċess taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet ta' valutazzjoni u fuq prattiki operazzjonali attwali matul il-perjodu ta' validità tagħha.

(c) Jekk l-approvazzjoni tal-assessur tkun skadiet, din tista' tiġġedded jekk, fi żmien it-12-il xahar qabel l-applikazzjoni għal tiġdid, id-detentur tal-approvazzjoni tal-assessur ikun:

(1) ingħata taħriġ ta' aġġornament fuq ħiliet ta' valutazzjoni u fuq prattiki operazzjonali attwali; u

(2) għadda b'suċċess minn valutazzjoni ta' kompetenza tal-assessur.

(d) Fil-każ tal-ewwel ħruġ u tiġdid, il-perjodu ta' validità tal-approvazzjoni tal-assessur ma għandux jibda aktar tard minn 30 jum mid-data li fiha l-valutazzjoni tkun tlestiet b'suċċess.";

18. il-punt ATCO.D.010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.D.010 Kompożizzjoni tat-taħriġ inizjali**

(a) Taħriġ inizjali, maħsub għal applikant għal liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew għall-ħruġ ta' klassifikazzjoni addizzjonali u/jew, jekk ikun applikabbli, approvazzjoni tal-klassifikazzjoni, għandu jikkonsisti minn:

(1) taħriġ bażiku, li jinkludi s-suġġetti kollha, it-temi u s-sottotemi li jinsabu fl-Appendiċi 2 tal-Anness I; u

(2) taħriġ tal-klassifikazzjoni, li jinkludi s-suġġetti, it-temi u s-sottotemi ta' mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) Klassifikazzjoni ta' Kontroll tal-Ajrudrom — ADC, definita fl-Appendiċi 3 tal-Anness I;

(ii) Klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Avviċinament Proċedurali — APP, definita fl-Appendiċi 4 tal-Anness I;

(iii) Klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali — ACP, definita fl-Appendiċi 5 tal-Anness I;

(iv) Klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Avviċinament ta' Sorveljanza — APS, definita fl-Appendiċi 6 tal-Anness I;

(v) Klassifikazzjoni ta' Kontroll taż-Żona ta' Sorveljanza — ACS, definita fl-Appendiċi 7 tal-Anness I.

(b) It-taħriġ maħsub għal klassifikazzjoni addizzjonali għandu jikkonsisti mis-suġġetti, mit-temi u s-sottotemi applikabbli għal mill-inqas waħda mill-klassifikazzjonijiet stabbiliti fil-punt (a)(2).

(c) It-taħriġ maħsub għall-attivazzjoni mill-ġdid ta' klassifikazzjoni wara valutazzjoni bla suċċess ta' kompetenza preċedenti skont il-punt ATCO.B.010(b) għandu jitfassal skont ir-riżultat ta' dik il-valutazzjoni.

(d) It-taħriġ maħsub għal approvazzjoni tal-klassifikazzjoni għandu jikkonsisti minn suġġetti, temi u sottotemi żviluppati mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u approvati bħala parti minn kors tat-taħriġ.

(e) It-taħriġ bażiku u/jew tal-klassifikazzjoni jista' jiġi kkomplementat b'suġġetti, b'temi u b'sottotemi li huma addizzjonali jew speċifiċi għall-blokk tal-ispazju tal-ajru funzjonali (FAB) jew għall-ambjent nazzjonali.";

19. fil-punt ATCO.D.025, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Għandu jingħata pass f'eżami(jiet) teoretiku/ċi lil kandidat li jġib minimu ta' 75 % tal-marki allokati għal dak l-eżami.";

20. fil-punt ATCO.D.025, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) Għandu jingħata pass fil-valutazzjoni(jiet) lil kandidat li konsistentement juri l-prestazzjoni meħtieġa kif elenkat fil-punt ATCO.D.030 u juri l-imġiba meħtieġa għall-forniment sikur tas-servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.";

21. fil-punt ATCO.D.035, il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(e) Għandu jingħata pass fil-valutazzjoni(jiet) lil applikant li konsistentement juri l-prestazzjoni meħtieġa deskritta fil-punt ATCO.D.040 u juri l-imġiba meħtieġa għall-forniment sikur tas-servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.";

22. il-punt ATCO.D.040 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.D.040 Objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ ta' klassifikazzjoni**

(a) Għandhom jiġu ddefiniti objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għal kull kors ta' taħriġ tal-klassifikazzjoni.

(b) L-objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għandhom jitolbu lill-applikant:

(1) juri l-abbiltà biex jimmaniġġa t-traffiku tal-ajru b'mod li jiżgura servizzi sikuri, f'ordni u fil-pront; u

(2) jimmaniġġa sitwazzjonijiet ta' traffiku kumpless u dens.

(c) Minbarra l-punt (b), l-objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Ajrudrom (ADC) għandhom jiżguraw li l-applikanti:

(1) jimmaniġġaw l-ammont ta' xogħol u jipprovdu servizzi ta' traffiku tal-ajru fi ħdan qasam ta' responsabbiltà definita tal-ajrudrom; u

(2) japplikaw tekniki ta' kontroll tal-ajrudrom u proċeduri operazzjonali għat-traffiku tal-ajrudrom.

(d) Minbarra l-punt (b), l-objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-Kontroll tal-Avviċinament Proċedurali (APP) għandhom jiżguraw li l-applikanti:

(1) jimmaniġġaw l-ammont ta' xogħol u jipprovdu servizzi ta' traffiku tal-ajru f'qasam ta' responsabbiltà tal-kontroll tal-avviċinament definit; u

(2) japplikaw kontroll tal-avviċinament proċedurali, jippjanaw tekniki u proċeduri operazzjonali għat-traffiku li jkun ġej, li jkun se jitlaq, u ta' tranżitu.

(e) Minbarra l-punt (b), l-objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll tal-Avviċinament (APS) għandhom jiżguraw li l-applikanti:

(1) jimmaniġġaw l-ammont ta' xogħol u jipprovdu servizzi ta' traffiku tal-ajru f'qasam ta' responsabbiltà tal-kontroll tal-avviċinament definit; u

(2) japplikaw kontroll tas-sorveljanza tal-avviċinament, jippjanaw tekniki u proċeduri operazzjonali għat-traffiku li jkun ġej, li jkun se jitlaq, u ta' tranżitu.

(f) Minbarra l-punt (b), l-objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-klassifikazzjoni tal-Kontroll taż-Żona Proċedurali (ACP) għandhom jiżguraw li l-applikanti:

(1) jimmaniġġaw l-ammont ta' xogħol u jipprovdu servizzi ta' traffiku tal-ajru f'qasam ta' responsabbiltà definit tal-kontroll taż-żona; u

(2) japplikaw kontroll tal-avviċinament proċedurali, jippjanaw tekniki u proċeduri operazzjonali għat-traffiku taż-żona.

(g) Minbarra l-punt (b), l-objettivi tal-prestazzjoni tat-taħriġ tal-klassifikazzjoni għall-klassifikazzjoni tas-Sorveljanza tal-Kontroll taż-Żona (ACS) għandhom jiżguraw li l-applikanti:

(1) jimmaniġġaw l-ammont ta' xogħol u jipprovdu servizzi ta' traffiku tal-ajru f'qasam ta' responsabbiltà definit tal-kontroll taż-żona; u

(2) japplikaw kontroll ta' sorveljanza taż-żona, jippjanaw tekniki u proċeduri operazzjonali għat-traffiku taż-żona.";

23. il-punt ATCO.D.050 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.D.050 Prerekwiżiti ta' taħriġ tal-unità**

Dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti fil-punti ATCO.B.001(d), ATCO.B.005(e) u ATCO.B.010(b):

(a) it-taħriġ tal-unità jista' jinbeda biss minn persuni li jkunu temmew b'suċċess it-taħriġ inizjali rilevanti għall-klassifikazzjoni u, jekk applikabbli, l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni;

(b) il-fażi ta' taħriġ fuq ix-xogħol tat-taħriġ tal-unità tista' tinbeda biss minn persuni li huma detenturi ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru bil-klassifikazzjoni xierqa u, jekk applikabbli, bl-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni.";

24. fil-punt ATCO.D.060, il-punti (e) u (f) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(e) It-taħriġ maħsub għal approvazzjoni tal-klassifikazzjoni għandu jikkonsisti minn suġġetti, temi u sottotemi żviluppati mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u approvati bħala parti minn kors tat-taħriġ.

(f) Il-korsijiet ta' approvazzjoni tal-unità mwettqa mill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru jew mill-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru studenti fi Stat Membru li għalihom l-awtorità kompetenti ma tkunx l-istess waħda li tkun ħarġet il-liċenzja, għandhom jiġu adattati biex jinkludu elementi ta' taħriġ inizjali li huma speċifiċi għall-FAB jew għall-ambjent nazzjonali. L-istess rekwiżit għandu japplika għal każijiet fejn l-applikant għal-liċenzja tal-istudenti jkun temm taħriġ inizjali fi Stat Membru li jkun differenti mill-Istat Membru li se joħroġ il-liċenzja tal-istudenti.";

25. L-Appendiċi 2 għall-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Appendiċi 2 tal-Anness I

TAĦRIĠ BAŻIKU

(Referenza: L-Anness I (il-Parti ATCO), is-Subparti D, it-Taqsima 2, il-punt ATCO.D.010(a)(1))

WERREJ

SUĠĠETT 1: INTRODUZZJONI GĦALL-KORS

SUĠĠETT 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI

SUĠĠETT 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

SUĠĠETT 4: METEOROLOĠIJA

SUĠĠETT 5: NAVIGAZZJONI

SUĠĠETT 6: INĠENJI TAL-AJRU

SUĠĠETT 7: FATTURI UMANI

SUĠĠETT 8: TAGĦMIR U SISTEMI

SUĠĠETT 9: AMBJENT PROFESSJONALI

SUĠĠETT 1:	**INTRODUZZJONI GĦALL-KORS**
SUĠĠETT INTRB 1 —	ĠESTJONI TAL-KORS
Sottotema INTRB 1.1 —	Introduzzjoni għall-kors
Sottotema INTRB 1.2 —	Amministrazzjoni tal-kors
Sottotema INTRB 1.3 —	Materjal ta' studju u dokumentazzjoni ta' taħriġ
SUĠĠETT INTRB 2 —	INTRODUZZJONI GĦALL-KORS TA' TAĦRIĠ TAL-ATC
Sottotema INTRB 2.1 —	Kontenut, metodoloġija u organizzazzjoni tal-kors

Sottotema INTRB 2.2 — Etos tat-taħriġ

Sottotema INTRB 2.3 — Proċess ta' valutazzjoni

TEMA INTRB 3 — INTRODUZZJONI GĦALL-FUTUR TAL-ATCO

Sottotema INTRB 3.1 — Prospetti ta' impjieg

SUĠĠETT 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI

TEMA LAWB 1 — INTRODUZZJONI GĦAL-LIĠI TAL-AVJAZZJONI

Sottotema LAWB 1.1 — Rilevanza tal-liġi tal-avjazzjoni

TEMA LAWB 2 — ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

Sottotema LAWB 2.1 — ICAO

Sottotema LAWB 2.2 — Aġenziji Ewropej u oħrajn

Sottotema LAWB 2.3 — Assoċjazzjonijiet tal-avjazzjoni

TEMA LAWB 3 — ORGANIZZAZZJONIJIET NAZZJONALI

Sottotema LAWB 3.1 — Awtoritajiet nazzjonali

Sottotema LAWB 3.2 — Proċeduri leġiżlattivi nazzjonali

Sottotema LAWB 3.3 — Awtorità kompetenti

Sottotema LAWB 3.4 — Assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-avjazzjoni

TEMA LAWB 4 — ĠESTJONI TAS-SIKUREZZA TAL-ATS

Sottotema LAWB 4.1 — Regolament dwar is-sikurezza

Sottotema LAWB 4.2 — Sistema ta' ġestjoni tas-sikurezza

TEMA LAWB 5 — REGOLI U REGOLAMENTI

Sottotema LAWB 5.1 — Unitajiet tal-kejl

Sottotema LAWB 5.2 — Liċenzjar/ċertifikazzjoni tal-ATCO

Sottotema LAWB 5.3 — Ħarsa ġenerali lejn l-ANS

Sottotema LAWB 5.4 — Ħarsa ġenerali lejn l-ATS

Sottotema LAWB 5.5 — Ħarsa ġenerali lejn il-ġestjoni tal-informazzjoni ajrunawtika (AIM)

Sottotema LAWB 5.6 — Regoli tal-ajru

Sottotema LAWB 5.7 — Rotot tal-ispazju tal-ajru u tal-ATS

Sottotema LAWB 5.8 — Pjan tat-titjiriet

Sottotema LAWB 5.9 — Ajrudromi

Sottotema LAWB 5.10 — Proċeduri ta' żamma għal titjiriet IFR

Sottotema LAWB 5.11 — Proċeduri ta' żamma għal titjiriet VFR

SUĠĠETT 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

TEMA ATMB 1 — ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Sottotema ATMB 1.1 — Applikazzjoni ta' unitajiet tal-kejl

Sottotema ATMB 1.2 —	Servizz tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)
Sottotema ATMB 1.3 —	Servizz ta' informazzjoni dwar titjir (FIS)
Sottotema ATMB 1.4 —	Servizz ta' twissija
Sottotema ATMB 1.5 —	Servizz ta' konsulenza tat-traffiku tal-ajru
Sottotema ATMB 1.6 —	Kapaċità tas-sistema tal-ATS u l-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku
Sottotema ATMB 1.7 —	Ġestjoni tal-ispazju tal-ajru (ASM)
TEMA ATMB 2 —	ALTIMETRIJA U ALLOKAZZJONI TAL-LIVELL
Sottotema ATMB 2.1 —	Altimetrija
Sottotema ATMB 2.2 —	Livell ta' tranżizzjoni
Sottotema ATMB 2.3 —	Allokazzjoni fil-livell
TEMA ATMB 3 —	RADJUTELEFONIJA (RTF)
Sottotema ATMB 3.1 —	Proċeduri operattivi ġenerali tal-RTF
TEMA ATMB 4 —	AWTORIZZAZZJONIJIET TAL-ATC U STRUZZJONIJIET TAL-ATC
Sottotema ATMB 4.1 —	Tip u kontenut tal-awtorizzazzjonijiet tal-ATC
Sottotema ATMB 4.2 —	Struzzjonijiet tal-ATC
TEMA ATMB 5 —	KOORDINAZZJONI
Sottotema ATMB 5.1 —	Prinċipji, tipi u kontenut tal-koordinazzjoni
Sottotema ATMB 5.2 —	Ħtieġa ta' koordinazzjoni
Sottotema ATMB 5.3 —	Mezzi ta' koordinazzjoni
TEMA ATMB 6 —	UNITÀ TAD-*DATA*
Sottotema ATMB 6.1 —	Estrazzjoni tad-*data*
Sottotema ATMB 6.2 —	Ġestjoni tad-*data*
TEMA ATMB 7 —	SEPARAZZJONIJIET
Sottotema ATMB 7.1 —	Separazzjoni u proċeduri vertikali
Sottotema ATMB 7.2 —	Separazzjoni u proċeduri orizzontali
Sottotema ATMB 7.3 —	Separazzjoni viżwali
Sottotema ATMB 7.4 —	Separazzjoni u proċeduri tal-ajrudrom
Sottotema ATMB 7.5 —	Separazzjoni bbażata fuq sistemi ta' sorveljanza tal-ATS
Sottotema ATMB 7.6 —	Separazzjoni tat-turbolenza tat-tranja
TEMA ATMB 8 —	XBIEKI TAS-SIKUREZZA FL-AJRU U FUQ L-ART
Sottotema ATMB 8.1 —	Xbieki tas-sikurezza fl-ajru
Sottotema ATMB 8.2 —	Xbieki tas-sikurezza bbażati fuq l-art
TEMA ATMB 9 —	ĦILIET PRATTIĊI BAŻIĊI
Sottotema ATMB 9.1 —	Proċess ta' ġestjoni tat-traffiku

Sottotema ATMB 9.2 —	Ħiliet prattiċi bażiċi applikabbli għall-klassifikazzjonijiet kollha
Sottotema ATMB 9.3 —	Ħiliet prattiċi bażiċi applikabbli għall-ajrudrom
Sottotema ATMB 9.4 —	Ħiliet prattiċi bażiċi applikabbli għas-sorveljanza
SUĠĠETT 4:	**METEOROLOĠIJA**
TEMA METB 1 —	INTRODUZZJONI GĦALL-METEOROLOĠIJA
Sottotema METB 1.1 —	Applikazzjoni ta' unitajiet tal-kejl
Sottotema METB 1.2 —	Avjazzjoni u meteoroloġija
Sottotema METB 1.3 —	Organizzazzjoni tas-servizz meteoroloġiku
TEMA METB 2 —	ATMOSFERA
Sottotema METB 2.1 —	Kompożizzjoni u struttura
Sottotema METB 2.2 —	Atmosfera standard
Sottotema METB 2.3 —	Tiswin u temperatura
Sottotema METB 2.4 —	Ilma fl-atmosfera
Sottotema METB 2.5 —	Pressjoni tal-arja
TEMA METB 3 —	ĊIRKOLAZZJONI ATMOSFERIKA
Sottotema METB 3.1 —	Ċirkolazzjoni ġenerali tal-ajru
Sottotema METB 3.2 —	Mases tal-arja u sistemi tal-front
Sottotema METB 3.3 —	Sistemi ta' mesoskala
Sottotema METB 3.4 —	Riħ
TEMA METB 4 —	FENOMENI METEOROLOĠIĊI
Sottotema METB 4.1 —	Sħab
Sottotema METB 4.2 —	Tipi ta' preċipitazzjoni
Sottotema METB 4.3 —	Viżibilità
Sottotema METB 4.4 —	Perikli meteoroloġiċi
TEMA METB 5 —	INFORMAZZJONI METEOROLOĠIKA GĦALL-AVJAZZJONI
Sottotema METB 5.1 —	Messaġġi u rapporti
SUĠĠETT 5:	**NAVIGAZZJONI**
TEMA NAVB 1 —	INTRODUZZJONI GĦAN-NAVIGAZZJONI
Sottotema NAVB 1.1 —	Applikazzjoni ta' unitajiet tal-kejl
Sottotema 1.2 —	Fini u użu tan-navigazzjoni
TEMA NAVB 2 —	ID-DINJA
Sottotema NAVB 2.1 —	Post u moviment tad-dinja
Sottotema NAVB 2.2 —	Sistema ta' koordinati, direzzjoni u distanza

Sottotema NAVB 2.3 —	Manjetiżmu
TEMA NAVB 3 —	MAPEP U ĊARTS AJRUNAWTIĊI
Sottotema NAB 3.1 —	Mapep u ċarts użati fl-avjazzjoni
TEMA NAVB 4 —	PUNTI BAŻIĊI TAN-NAVIGAZZJONI
Sottotema NAVB 4.1 —	Influwenza tar-riħ
Sottotema NAVB 4.2 —	Veloċità
Sottotema NAVB 4.3 —	Navigazzjoni viżwali
Sottotema NAVB 4.4 —	Aspetti tan-navigazzjoni tal-ippjanar tat-titjiriet
TEMA NAVB 5 —	NAVIGAZZJONI BL-ISTRUMENTI
Sottotema NAVB 5.1 —	Sistemi bbażati fuq l-art
Sottotema NAVB 5.2 —	Sistemi ta' navigazzjoni inerzjali
Sottotema NAVB 5.3 —	Sistemi bbażati fuq is-satelliti
Sottotema NAVB 5.4 —	Proċeduri ta' avviċinament bl-istrumenti
TEMA NAVB 6 —	NAVIGAZZJONI BBAŻATA FUQ IL-PRESTAZZJONI
Sottotema NAVB 6.1 —	Prinċipji u benefiċċji tan-navigazzjoni taż-żona
Sottotema NAVB 6.2 —	Introduzzjoni għall-PBN
Sottotema NAB 6.3 —	Applikazzjonijiet PBN
TEMA NAVB 7 —	ŻVILUPPI FIN-NAVIGAZZJONI
Sottotema NAVB 7.1 —	Żviluppi futuri
SUĠĠETT 6:	**INĠENJI TAL-AJRU**
TEMA ACFTB 1 —	INTRODUZZJONI GĦALL-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFTB 1.1 —	Applikazzjoni ta' unitajiet tal-kejl
Sottotema ACFTB 1.2 —	Avjazzjoni u inġenji tal-ajru
TEMA ACFTB 2 —	PRINĊIPJI TAT-TITJIRA
Sottotema ACFTB 2.1 —	Forzi li jaġixxu fuq l-inġenji tal-ajru
Sottotema ACFTB 2.2 —	Komponenti strutturali u kontroll ta' inġenju tal-ajru
Sottotema ACFTB 2.3 —	Envelopp tat-titjira
TEMA ACFTB 3 —	KATEGORIJI TA' INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFTB 3.1 —	Kategoriji ta' inġenji tal-ajru
Sottotema ACFTB 3.2 —	Kategoriji ta' turbolenza tat-tranja
Sottotema ACFTB 3.3 —	Kategoriji ta' avviċinament tal-ICAO
Sottotema ACFTB 3.4 —	Kategoriji ambjentali

TEMA ACFTB 4 —	*DATA* DWAR L-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFTB 4.1 —	Rikonoxximent
Sottotema ACFTB 4.2 —	*Data* dwar il-prestazzjoni
TEMA ACFTB 5 —	MAGNI TAL-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFTB 5.1 —	Magni bil-pistuni
Sottotema ACFTB 5.2 —	Magni bil-ġett
Sottotema ACFTB 5.3 —	Magni bi skrun turbo
Sottotema ACFTB 5.4 —	Magni elettriċi
Sottotema ACFTB 5.5 —	Sorsi ta' enerġija użati fl-avjazzjoni
TEMA ACFTB 6 —	SISTEMI U STRUMENTI TAL-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFTB 6.1 —	Strumenti tat-titjira
Sottotema ACFTB 6.2 —	Strumenti tan-navigazzjoni
Sottotema ACFTB 6.3 —	Strumenti tal-magna
Sottotema ACFTB 6.4 —	Elementi u sistemi tal-inġenji tal-ajru
TEMA ACFTB 7 —	FATTURI LI JAFFETTWAW IL-PRESTAZZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFTB 7.1 —	Fatturi ta' tluq
Sottotema ACFTB 7.2 —	Fatturi ta' tlugħ
Sottotema ACFTB 7.3 —	Fatturi tal-kruċiera
Sottotema ACFTB 7.4 —	Fatturi ta' nżul u ta' approċċ inizjali
Sottotema ACFTB 7.5 —	Approċċ finali u fatturi ta' nżul
Sottotema ACFTB 7.6 —	Fatturi ekonomiċi
Sottotema ACFTB 7.7 —	Fatturi ambjentali

SUĠĠETT 7:	**FATTURI UMANI**
TEMA HUMB 1 —	INTRODUZZJONI GĦALL-PRESTAZZJONI UMANA
Sottotema HUMB 1.1 —	Rilevanza tal-fatturi umani għall-ATC
TEMA HUMB 2 —	SAĦĦA U BENESSERI
Sottotema HUMB 2.1 —	Idoneità għad-dmir
Sottotema HUMB 2.2 —	Stress u għeja
Sottotema HUMB 2.3 —	Użu ta' sustanzi u responsabbiltà
TEMA HUMB 3 —	PRESTAZZJONI UMANA
Sottotema HUMB 3.1 —	Imġiba individwali
Sottotema HUMB 3.2 —	Kultura ta' sikurezza u mġiba professjonali

TEMA HUMB 4 —	ŻBALL UMAN
Sottotema HUMB 4.1 —	Definizzjoni ta' żball uman
Sottotema HUMB 4.2 —	Klassifikazzjoni ta' żball uman
TEMA HUMB 5 —	ĦIDMA F'TIM
Sottotema HUMB 5.1 —	Ħidma f'tim u rwoli tat-tim
TEMA HUMB 6 —	KOMUNIKAZZJONI
Sottotema HUMB 6.1 —	Komunikazzjoni fl-ATC
Sottotema HUMB 6.2 —	Modi ta' komunikazzjoni

SUĠĠETT 8:	**TAGĦMIR U SISTEMI**
TEMA EQPSB 1 —	TAGĦMIR TAL-ATC
Sottotema EQPSB 1.1 —	Tipi ewlenin ta' tagħmir tal-ATC
TEMA EQPSB 2 —	RADJU
Sottotema EQPSB 2.1 —	Teorija tar-radju
Sottotema EQPSB 2.2 —	Sejba tad-direzzjoni
TEMA EQPSB 3 —	TAGĦMIR TA' KOMUNIKAZZJONI
Sottotema EQPSB 3.1 —	Komunikazzjoni bir-radju
Sottotema EQPSB 3.2 —	Komunikazzjoni bil-vuċi bejn l-unitajiet/pożizzjonijiet tal-ATS u oħrajn
Sottotema EQPSB 3.3 —	Komunikazzjoni ta' kollegament tad-*data*
Sottotema EQPSB 3.4 —	Komunikazzjoni tal-linji tal-ajru
TEMA EQPSB 4 —	INTRODUZZJONI GĦAS-SORVELJANZA
Sottotema EQPSB 4.1 —	Kunċett ta' sorveljanza fl-ATS
TEMA EQPSB 5 —	RADAR
Sottotema EQPSB 5.1 —	Prinċipji tar-radar
Sottotema EQPSB 5.2 —	Radar primarju
Sottotema EQPSB 5.3 —	Radar sekondarju
Sottotema EQPSB 5.4 —	Użu tar-radars
TEMA EQPSB 6 —	SORVELJANZA INDIPENDENTI AWTOMATIKA
Sottotema EQPSB 6.1 —	Prinċipji ta' sorveljanza dipendenti awtomatika

Sottotema EQPSB 6.2 —	Użu ta' sorveljanza dipendenti awtomatika
TEMA EQPSB 7 —	MULTILATERAZZJONI
Sottotema EQPSB 7.1 —	Prinċipji ta' multilaterazzjoni
Sottotema EQPSB 7.2 —	Użu ta' multilaterazzjoni
TEMA EQPSB 8 —	IPPROĊESSAR TAD-*DATA*
Sottotema EQPSB 8.1 —	Networking ta' *data* ta' sorveljanza
Sottotema EQPSB 8.2 —	Prinċipji ta' ħidma tan-networking ta' *data* ta' sorveljanza
Sottotema EQPSB 8.3 —	Ipproċessar ta' *data* dwar it-titjiriet
TEMA EQPSB 9 —	TAGĦMIR FUTUR
Sottotema EQPSB 9.1 —	Żviluppi ġodda
TEMA EQPSB 10 —	AWTOMATIZZAZZJONI FL-ATS
Sottotema EQPSB 10.1 —	Prinċipji ta' awtomatizzazzjoni
Sottotema EQPSB 10.2 —	Network ta' telekomunikazzjoni fissa ajrunawtika (AFTN)
Sottotema EQPSB 10.3 —	Skambju tad-*data* online
Sottotema EQPSB 10.4 —	Sistemi użati għat-tixrid awtomatiku tal-informazzjoni
TEMA EQPSB 11 —	POŻIZZJONIJIET TA' ĦIDMA
Sottotema EQPSB 11.1 —	Tagħmir tal-pożizzjoni ta' ħidma
Sottotema EQPSB 11.2 —	Kontroll tal-ajrudrom
Sottotema EQPSB 11.3 —	Kontroll tal-avviċinament
Sottotema EQPSB 11.4 —	Kontroll taż-żona
SUĠĠETT 9:	**AMBJENT PROFESSJONALI**
TEMA PENB 1 —	FAMILJARIZZAZZJONI
Sottotema PENB 1.1 —	Faċilitajiet tal-ATS u tal-ajrudrom
TEMA PENB 2 —	UTENTI TAL-ISPAZJU TAL-AJRU
Sottotema PENB 2.1 —	Avjazzjoni ċivili
Sottotema PENB 2.2 —	Avjazzjoni militari
Sottotema PENB 2.3 —	Aspettattivi u rekwiżiti tal-bdoti
TEMA PENB 3 —	RELAZZJONIJIET MAL-KLIJENTI
Sottotema PENB 3.1 —	ATS bħala fornitur ta' servizzi
TEMA PENB 4 —	PROTEZZJONI AMBJENTALI
Sottotema PENB 4.1 —	Protezzjoni ambjentali";

26. L-Appendiċi 3 tal-Anness I tħassar;

27. L-Appendiċi 4 tal-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Appendiċi 3 tal-Anness I

KLASSIFIKAZZJONI TA' KONTROLL TAL-AJRUDROM (ADC)

(Referenza: L-Anness I (il-PARTI ATCO), is-Subparti D, it-Taqsima 2, il-punt ATCO.D.010(a)(2)(i))

WERREJ

SUĠĠETT 1: INTRODUZZJONI GĦALL-KORS
SUĠĠETT 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI
SUĠĠETT 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU
SUĠĠETT 4: METEOROLOĠIJA
SUĠĠETT 5: NAVIGAZZJONI
SUĠĠETT 6: INĠENJI TAL-AJRU
SUĠĠETT 7: FATTURI UMANI
SUĠĠETT 8: TAGĦMIR U SISTEMI
SUĠĠETT 9: AMBJENT PROFESSJONALI
SUĠĠETT 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA
SUĠĠETT 11: AJRUDROMI

SUĠĠETT 1:	**INTRODUZZJONI GĦALL-KORS**
TEMA INTR 1 —	ĠESTJONI TAL-KORS
Sottotema INTR 1.1 —	Introduzzjoni tal-kors
Sottotema INTR 1.2 —	Amministrazzjoni tal-kors
Sottotema INTR 1.3 —	Materjal ta' studju u dokumentazzjoni tat-taħriġ
TEMA INTR 2 —	INTRODUZZJONI GĦALL-KORS TA' TAĦRIĠ TAL-ATC
Sottotema INTR 2.1 —	Kontenut u organizzazzjoni tal-kors
Sottotema INTR 2.2 —	Etos tat-taħriġ
Sottotema INTR 2.3 —	Proċess ta' valutazzjoni
SUĠĠETT 2:	**LIĠI TAL-AVJAZZJONI**
TEMA LIĠI 1 —	LIĊENZJAR/ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA TAL-ATCO
Sottotema LIĠI 1.1 —	Privileġġi u kundizzjonijiet
TEMA LIĠI 2 —	REGOLI U REGOLAMENTI
Sottotema LIĠI 2.1 —	Rapporti
Sottotema LIĠI 2.2 —	Spazju tal-ajru
TEMA -LIĠI 3 —	ĠESTJONI TAS-SIKUREZZA TAL-ATS
Sottotema LIĠI 3.1 —	Proċess ta' feedback
Sottotema LIĠI 3.2 —	Investigazzjoni tas-sikurezza

SUĠĠETT 3:	**ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU**
TEMA ATM 1 —	FORNIMENT TA' SERVIZZI
Sottotema ATM 1.1 —	Servizz ta' kontroll tal-ajrudrom
Sottotema ATM 1.2 —	Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir (FIS)
Sottotema ATM 1.3 —	Servizz ta' twissija (ALRS)
Sottotema ATM 1.4 —	Kapaċità tas-sistema tal-ATS u ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru
TEMA ATM 2 —	KOMUNIKAZZJONI
Sottotema ATM 2.1 —	Komunikazzjoni effettiva
TEMA ATM 3 —	APPROVAZZJONIJIET TAL-ATC U STRUZZJONIJIET TAL-ATC
Sottotema ATM 3.1 —	Approvazzjonijiet tal-ATC
Sottotema ATM 3.2 —	Struzzjonijiet tal-ATC
TEMA ATM 4 —	KOORDINAZZJONI
Sottotema ATM 4.1 —	Ħtieġa ta' koordinazzjoni
Sottotema ATM 4.2 —	Għodod u metodi għall-koordinazzjoni
Sottotema ATM 4.3 —	Proċeduri ta' koordinazzjoni
TEMA ATM 5 —	ALTIMETRIJA U ALLOKAZZJONI TAL-LIVELL
Sottotema ATM 5.1 —	Altimetrija
Sottotema ATM 5.2 —	Separazzjoni vertikali mill-art
TEMA ATM 6 —	SEPARAZZJONIJIET
Sottotema ATM 6.1 —	Separazzjoni bejn l-inġenji tal-ajru li jitilqu
Sottotema ATM 6.2 —	Separazzjoni ta' inġenji tal-ajru li jitilqu minn inġenji tal-ajru li jaslu
Sottotema ATM 6.3 —	Separazzjoni tal-inġenji tal-ajru li jinżlu u qabel l-inżul jew it-tluq tal-inġenji tal-ajru
Sottotema ATM 6.4 —	Separazzjoni longitudinali tat-turbolenza tat-tranja bbażata fuq il-ħin
Sottotema ATM 6.5 —	Valuri minimi tas-separazzjoni mnaqqsa
TEMA ATM 7 —	XBIEKI TAS-SIKUREZZA FL-AJRU U FUQ L-ART
Sottotema ATM 7.1 —	Xbieki tas-sikurezza fl-ajru
Sottotema ATM 7.2 —	Xbieki tas-sikurezza bbażati fuq l-art
TEMA ATM 8 —	UNITÀ TAL-WIRI TAD-*DATA*
Sottotema ATM 8.1 —	Ġestjoni tad-*data*
TEMA ATM 9 —	AMBJENT OPERAZZJONALI (SIMULAT)
Sottotema ATM 9.1 —	Integrità tal-ambjent operazzjonali
Sottotema ATM 9.2 —	Verifika tal-munita tal-proċeduri operazzjonali
Sottotema ATM 9.3 —	Trasferiment-akkwiżizzjoni

TEMA ATM 10 —	FORNIMENT TA' SERVIZZ TA' KONTROLL TAL-AJRUDROM
Sottotema ATM 10.1 —	Responsabbiltà għall-forniment
Sottotema ATM 10.2 —	Proċess ta' ġestjoni tat-traffiku
Sottotema ATM 10.3 —	Dwal ajrunawtiċi fuq l-art
Sottotema ATM 10.4 —	Informazzjoni lill-inġenji tal-ajru mit-torri ta' kontroll tal-ajrudrom
Sottotema ATM 10.5 —	Kontroll tat-traffiku tal-ajrudrom
Sottotema ATM 10.6 —	Kontroll tat-traffiku fl-ajru
Sottotema ATM 10.7 —	Runway li qed tintuża
Sottotema ATM 10.8 —	Traffiku li jitlaq
Sottotema ATM 10.9 —	Traffiku li jasal
Sottotema ATM 10.10 —	Operazzjonijiet VFR speċjali
Sottotema ATM 10.11 —	Operazzjonijiet b'viżibilità baxxa
Sottotema ATM 10.12 —	Servizz ta' kontroll tal-ajrudrom b'appoġġ avvanzat tas-sistema
SUĠĠETT 4:	**METEOROLOĠIJA**
TEMA MET 1 —	FENOMENI METEOROLOĠIĊI
Sottotema MET 1.1 —	Fenomeni meteoroloġiċi
TEMA MET 2 —	SORSI TA' *DATA* METEOROLOĠIKA
Sottotema MET 2.1 —	Strumenti meteoroloġiċi
Sottotema MET 2.2 —	Sorsi oħrajn ta' *data* meteoroloġika
SUĠĠETT 5:	**NAVIGAZZJONI**
TEMA:NAV 1 —	MAPEP U ĊARTS AJRUNAWTIĊI
Sottotema NAV 1.1 —	Mapep u ċarts
TEMA:NAV 2 —	NAVIGAZZJONI BL-ISTRUMENTI
Sottotema NAV 2.1 —	Sistemi ta' navigazzjoni
Sottotema NAV 2.2 —	Avviċinament stabbilizzat
Sottotema NAV 2.3 —	Tluq u wasliet ta' strumenti
Sottotema NAV 2.4 —	Sistemi bbażati fuq is-satelliti
Sottotema NAV 2.5 —	Applikazzjonijiet PBN
SUĠĠETT 6:	**INĠENJI TAL-AJRU**
TEMA ACFT 1 —	STRUMENTI TAL-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFT 1.1 —	Strumenti tal-inġenji tal-ajru
TEMA ACFT 2 —	KATEGORIJI TA' INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFT 2.1 —	Turbolenza tat-tranja

Sottotema ACFT 2.2 —	applikazzjoni tal-kategoriji ta' avviċinament tal-ICAO
TEMA ACFT 3 —	FATTURI LI JAFFETTWAW IL-PRESTAZZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFT 3.1 —	Fatturi tal-qtugħ
Sottotema ACFT 3.2 —	Fatturi tat-tlugħ
Sottotema ACFT 3.3 —	Avviċinament finali u fatturi ta' nżul
Sottotema ACFT 3.4 —	Fatturi ekonomiċi
Sottotema ACFT 3.5 —	Fatturi ambjentali
TEMA ACFT 4 —	*DATA* DWAR L-INĠENJI TAL-AJRU
Sottotema ACFT 4.1 —	Rikonoxximent tat-tipi ta' inġenji tal-ajru
Sottotema ACFT 4.2 —	*Data* dwar il-prestazzjoni
SUĠĠETT 7:	**FATTURI UMANI**
TEMA HUM 1 —	IPPROĊESSAR TAL-INFORMAZZJONI
Sottotema HUM 1.1 —	Il-konjizzjoni u l-fatturi li jinfluwenzawha
Sottotema HUM 1.2 —	Sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni
Sottotema HUM 1.3 —	Teħid ta' deċiżjonijiet
TEMA HUM 2 —	FATTURI LI JAFFETTWAW IS-SAĦĦA U L-BENESSERI
Sottotema HUM 2.1 —	Għeja
Sottotema HUM 2.2 —	Stress
TEMA HUM 3 —	ĠESTJONI TAT-THEDDID U TAL-IŻBALJI
Sottotema HUM 3.1 —	Qafas ta' ġestjoni tat-theddid u tal-iżbalji
Sottotema HUM 3.2 —	Ġestjoni applikata tat-theddid u tal-iżbalji
TEMA HUM 4 —	ĦIDMA F'TIM
Sottotema HUM 4.1 —	Benefiċċji ta' ħidma f'tim
Sottotema HUM 4.2 —	Ġestjoni tal-kunflitti
TEMA HUM 5 —	SISTEMA
Sottotema HUM 5.1 —	Kunċett ta' sistemi f'ATM/ANS
TEMA HUM 6 —	KOMUNIKAZZJONI
Sottotema HUM 6.1 —	Komunikazzjoni effettiva
Sottotema HUM 6.2 —	Feedback effettiv
SUĠĠETT 8:	**TAGĦMIR U SISTEMI**
TEMA EQPS 1 —	KOMUNIKAZZJONI BIL-VUĊI
Sottotema EQPS 1.1 —	Komunikazzjoni bir-radju
Sottotema EQPS 1.2 —	Komunikazzjonijiet oħra bil-vuċi

TEMA EQPS 2 —	AWTOMATIZZAZZJONI FL-ATS
Sottotema EQPS 2.1 —	Network ta' telekomunikazzjoni fissa ajrunawtika (AFTN)
Sottotema EQPS 2.2 —	Skambju awtomatiku tad-*data*
TEMA EQPS 3 —	POŻIZZJONI TA' ĦIDMA TAL-KONTROLLUR
Sottotema EQPS 3.1 —	Tħaddim u monitoraġġ tat-tagħmir
Sottotema EQPS 3.2 —	Sistemi ta' wiri tas-sitwazzjoni u ta' informazzjoni
Sottotema EQPS 3.3 —	Sistemi ta' *data* tat-titjira
TEMA EQPS 4 —	TAGĦMIR FUTUR
Sottotema EQPS 4.1 —	Żviluppi ġodda
TEMA EQPS 5 —	LIMITAZZJONIJIET U DEGRADAZZJONI TAT-TAGĦMIR U TAS-SISTEMI
Sottotema EQPS 5.1 —	Reazzjoni għal-limitazzjonijiet
Sottotema EQPS 5.2 —	Degradazzjoni tat-tagħmir tal-komunikazzjoni
Sottotema EQPS 5.3 —	Degradazzjoni tat-tagħmir tan-navigazzjoni
SUĠĠETT 9:	**AMBJENT PROFESSJONALI**
TEMA PEN 1 —	FAMILJARIZZAZZJONI
Sottotema PEN 1.1 —	Żjara ta' studju f'ajrudrom
TEMA PEN2 —	UTENTI TAL-ISPAZJU TAL-AJRU
Sottotema PEN 2.1 —	Kontributuri għal operazzjonijiet tal-ATS ċivili
Sottotema PEN 2.2 —	Kontributuri għal operazzjonijiet militari tal-ATS
TEMA PEN 3 —	RELAZZJONIJIET MAL-KLIJENTI
Sottotema PEN 3.1 —	Forniment ta' servizzi u rekwiżiti tal-utent
TEMA PEN 4 —	PROTEZZJONI AMBJENTALI
Sottotema PEN 4.1 —	Protezzjoni ambjentali
SUĠĠETT 10:	**SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA**
TEMA ABES 1 —	SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA (ABES)
Sottotema ABES 1.1 —	Ħarsa ġenerali lejn l-ABES
TEMA ABES 2 —	TITJIB FIL-ĦILIET
Sottotema ABES 2.1 —	Effettività tal-komunikazzjoni
Sottotema ABES 2.2 —	Evitar ta' tagħbija żejda mentali
Sottotema ABES 2.3 —	Kooperazzjoni bejn l-ajru u l-art
TEMA ABES 3 —	PROĊEDURI GĦAL SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA
Sottotema ABES 3.1 —	Applikazzjoni tal-proċeduri għall-ABES
Sottotema ABES 3.2 —	Falliment tar-radju

Sottotema ABES 3.3 — Interferenza illegali u theddida ta' bomba fuq inġenju tal-ajru

Sottotema ABES 3.4 — Inġenju tal-ajru mitluf jew mhux identifikat

Sottotema ABES 3.5 — Inkursjoni fuq ir-runway

Sottotema ABES 3.6 — Interċettazzjoni ta' inġenji tal-ajru ċivili

SUĠĠETT 11: AJRUDROMI

TEMA AGA 1 — *DATA*, TQASSIM U KOORDINAZZJONI TAL-AJRUDROM

Sottotema AGA 1.1 — Definizzjonijiet

Sottotema AGA 1.2 — Koordinazzjoni

TEMA AGA 2 — ŻONA TA' MOVIMENT

Sottotema AGA 2.1 — Żona ta' moviment

Sottotema AGA 2.2 — Żona ta' mmanuvrar

Sottotema AGA 2.3 — Runways

TEMA AGA 3 — OSTAKLI

Sottotema AGA 3.1 — Spazju tal-ajru ħieles mill-ostakli madwar l-ajrudromi

TEMA AGA 4 — TAGĦMIR MIXXELLANJU

Sottotema AGA 4.1 — Post";

28. L-Appendiċi 5 tal-Anness I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Appendiċi 4 tal-Anness I

KLASSIFIKAZZJONI PROĊEDURALI TAL-KONTROLL TAL-AVVIĊINAMENT (APP)

(Referenza: L-Anness I (il-PARTI ATCO), is-Subparti D, it-Taqsima 2, il-punt ATCO.D.010(a)(2)(ii))

WERREJ

SUĠĠETT 1: INTRODUZZJONI GĦALL-KORS

SUĠĠETT 2: LIĠI TAL-AVJAZZJONI

SUĠĠETT 3: ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

SUĠĠETT 4: METEOROLOĠIJA

SUĠĠETT 5: NAVIGAZZJONI

SUĠĠETT 6: INĠENJI TAL-AJRU

SUĠĠETT 7: FATTURI UMANI

SUĠĠETT 8: TAGĦMIR U SISTEMI

SUĠĠETT 9: AMBJENT PROFESSJONALI

SUĠĠETT 10: SITWAZZJONIJIET ANORMALI U TA' EMERĠENZA

SUĠĠETT 11: AJRUDROMI

SUĠĠETT 1:	**INTRODUZZJONI GĦALL-KORS**
TEMA INTR 1 —	ĠESTJONI TAL-KORS
Sottotema INTR 1.1 —	Introduzzjoni tal-kors
Sottotema INTR 1.2 —	Amministrazzjoni tal-kors
Sottotema INTR 1.3 —	Materjal ta' studju u dokumentazzjoni tat-taħriġ
TEMA INTR 2 —	INTRODUZZJONI GĦALL-KORS TA' TAĦRIĠ TAL-ATC
Sottotema INTR 2.1 —	Kontenut u organizzazzjoni tal-kors
Sottotema INTR 2.2 —	Etos tat-taħriġ
Sottotema INTR 2.3 —	Proċess ta' valutazzjoni
SUĠĠETT 2:	**LIĠI TAL-AVJAZZJONI**
TEMA LIĠI 1 —	LIĊENZJAR/ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA TAL-ATCO
Sottotema LIĠI 1.1 —	Privileġġi u kundizzjonijiet
TEMA LIĠI 2 —	REGOLI U REGOLAMENTI
Sottotema LIĠI 2.1 —	Rapporti
Sottotema LIĠI 2.2 —	Spazju tal-ajru
TEMA -LIĠI 3 —	ĠESTJONI TAS-SIKUREZZA TAL-ATS
Sottotema LIĠI 3.1 —	Proċess ta' feedback
Sottotema LIĠI 3.2 —	Investigazzjoni tas-sikurezza
SUĠĠETT 3:	**ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU**
TEMA ATM 1 —	FORNIMENT TA' SERVIZZI
Sottotema ATM 1.1 —	Servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru (ATC)
Sottotema ATM 1.2 —	Servizz ta' informazzjoni dwar it-titjir (FIS)
Sottotema ATM 1.3 —	Servizz ta' twissija (ALRS)
Sottotema ATM 1.4 —	Kapaċità tas-sistema tal-ATS u ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru
Sottotema ATM 1.5 —	Ġestjoni tal-ispazju tal-ajru (ASM)
TEMA ATM 2 —	KOMUNIKAZZJONI
Sottotema ATM 2.1 —	Komunikazzjoni effettiva
TEMA ATM 3 —	APPROVAZZJONIJIET TAL-ATC U STRUZZJONIJIET TAL-ATC
Sottotema ATM 3.1 —	Approvazzjonijiet tal-ATC
Sottotema ATM 3.2 —	Struzzjonijiet tal-ATC
TEMA ATM 4 —	KOORDINAZZJONI
Sottotema ATM 4.1 —	Ħtieġa ta' koordinazzjoni
Sottotema ATM 4.2 —	Għodod u metodi għall-koordinazzjoni
Sottotema ATM 4.3 —	Proċeduri ta' koordinazzjoni

TEMA ATM 5 —	ALTIMETRIJA U ALLOKAZZJONI TAL-LIVELL
Sottotema ATM 5.1 —	Altimetrija
Sottotema ATM 5.2 —	Separazzjoni vertikali mill-art
TEMA ATM 6 —	SEPARAZZJONIJIET
Sottotema ATM 6.1 —	Separazzjoni vertikali
Sottotema ATM 6.2 —	Separazzjoni orizzontali
Sottotema ATM 6.3 —	Delegazzjoni tas-separazzjoni
TEMA ATM 7 —	XBIEKI TAS-SIKUREZZA FL-AJRU
Sottotema ATM 7.1 —	Xbieki tas-sikurezza fl-ajru
TEMA ATM 8 —	UNITÀ TAL-WIRI TAD-*DATA*
Sottotema ATM 8.1 —	Ġestjoni tad-*data*
TEMA ATM 9 —	AMBJENT OPERAZZJONALI (SIMULAT)
Sottotema ATM 9.1 —	Integrità tal-ambjent operazzjonali
Sottotema ATM 9.2 —	Verifika tal-munita tal-proċeduri operazzjonali
Sottotema ATM 9.3 —	Trasferiment-akkwiżizzjoni
TEMA ATM 10 —	FORNIMENT TA' SERVIZZ TA' KONTROLL
Sottotema ATM 10.1 —	Responsabbiltà u pproċessar tal-informazzjoni
Sottotema ATM 10.2 —	Kontroll tal-avviċinament
Sottotema ATM 10.3 —	Proċess ta' ġestjoni tat-traffiku
Sottotema ATM 10.4 —	Traffiku tal-immaniġġjar
TEMA ATM 11 —	ŻAMMA
Sottotema ATM 11.1 —	Proċeduri ġenerali ta' żamma
Sottotema ATM 11.2 —	Avviċinament tal-inġenji tal-ajru
SUĠĠETT 4:	**METEOROLOĠIJA**
TEMA MET 1 —	FENOMENI METEOROLOĠIĊI
Sottotema MET 1.1 —	Fenomeni meteoroloġiċi
TEMA MET 2 —	SORSI TA' *DATA* METEOROLOĠIKA
Sottotema MET 2.1 —	Sorsi ta' informazzjoni meteoroloġika
SUĠĠETT 5:	**NAVIGAZZJONI**
TEMA:NAV 1 —	MAPEP U ĊARTS AJRUNAWTIĊI
Sottotema NAV 1.1 —	Mapep u ċarts
TEMA:NAV 2 —	NAVIGAZZJONI BL-ISTRUMENTI
Sottotema NAV 2.1 —	Sistemi ta' navigazzjoni
Sottotema NAV 2.2 —	Avviċinament stabbilizzat

Sottotema NAV 2.3 — Tluq u wasliet ta' strumenti

Sottotema NAV 2.4 — Assistenza għan-navigazzjoni

Sottotema NAV 2.5 — Sistemi bbażati fuq is-satelliti

Sottotema NAV 2.6 — Applikazzjonijiet PBN

SUĠĠETT 6: INĠENJI TAL-AJRU

TEMA ACFT 1 — STRUMENTI TAL-INĠENJI TAL-AJRU

Sottotema ACFT 1.1 — Strumenti tal-inġenji tal-ajru

TEMA ACFT 2 — KATEGORIJI TA' INĠENJI TAL-AJRU

Sottotema ACFT 2.1 — Turbolenza tat-tranja

Sottotema ACFT 2.2 — applikazzjoni tal-kategoriji ta' avviċinament tal-ICAO

TEMA ACFT 3 — FATTURI LI JAFFETTWAW IL-PRESTAZZJONI TAL-INĠENJI TAL-AJRU

Sottotema ACFT 3.1 — Fatturi tat-tlugħ

Sottotema ACFT 3.2 — Fatturi tal-kruċiera

Sottotema ACFT 3.3 — Fatturi ta' nżul u ta' avviċinament inizjali

Sottotema ACFT 3.4 — Avviċinament finali u fatturi ta' nżul

Sottotema ACFT 3.5 — Fatturi ekonomiċi

Sottotema ACFT 3.6 — Fatturi ambjentali

TEMA ACFT 4 — *DATA* DWAR L-INĠENJI TAL-AJRU

Sottotema ACFT 4.1 — *Data* dwar il-prestazzjoni

SUĠĠETT 7: FATTURI UMANI

TEMA HUM 1 — IPPROĊESSAR TAL-INFORMAZZJONI

Sottotema HUM 1.1 — Il-konjizzjoni u l-fatturi li jinfluwenzawha

Sottotema HUM 1.2 — Sensibilizzazzjoni tas-sitwazzjoni

Sottotema HUM 1.3 — Teħid ta' deċiżjonijiet

TEMA HUM 2 — FATTURI LI JAFFETTWAW IS-SA~~ĦĦ~~A U L-BENESSERI

Sottotema HUM 2.1 — Għeja

Sottotema HUM 2.2 — Stress

(iii) il-kundizzjonijiet tekniċi li jridu jintlaħqu fit-twettiq ta' dawn il-kompiti;

(iv) il-kopertura tar-responsabbiltà relatata; u

(v) il-protezzjoni mogħtija lill-informazzjoni miksuba fit-twettiq ta' tali kompiti.";

8. il-punt ATCO.AR.B.010 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.AR.B.010 Tibdil fis-sistema ta' ġestjoni**

(a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha sistema fis-seħħ sabiex tidentifika l-bidliet li jaffettwaw il-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti tagħha u teżegwixxi r-responsabbiltajiet tagħha kif iddefinit fir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu. Din għandha tippermettilha tieħu azzjoni, kif xieraq, biex tiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tagħha tibqa' adegwata u effettiva.

(b) L-awtorità kompetenti għandha taġġorna s-sistema ta' ġestjoni tagħha biex tirrifletti kwalunkwe bidla fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni b'mod f'waqtu, sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema ta' ġestjoni tagħha.

(c) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika lill-Aġenzija bi kwalunkwe bidla li tkun qed taffettwa l-kapaċità tagħha li twettaq il-kompiti tagħha u taqdi r-responsabbiltajiet tagħha kif definit fir-Regolament (UE) 2018/1139 u fl-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.";

9. il-punt ATCO.AR.B.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.AR.B.015 Żamma ta' rekords**

(a) L-awtoritajiet kompetenti għandhom iżommu lista taċ-ċertifikati tal-organizzazzjoni kollha u tal-liċenzji u taċ-ċertifikati tal-persunal li joħorġu.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema ta' żamma ta' rekords li tipprevedi l-ħażna adegwata, l-aċċessibbiltà, u t-traċċabbiltà kredibbli ta':

(1) il-politiki u l-proċeduri dokumentati tas-sistema ta' ġestjoni;

(2) it-taħriġ, il-kwalifiki u l-awtorizzazzjoni tal-persunal tagħha;

(3) l-allokazzjoni tal-kompiti, filwaqt li jiġu koperti l-elementi meħtieġa mill-punt ATCO.AR.B.005, kif ukoll id-dettalji tal-kompiti allokati;

(4) il-proċessi ta' ċertifikazzjoni u s-sorveljanza kontinwa tal-organizzazzjonijiet ċertifikati;

(5) id-dettalji tal-korsijiet ipprovduti mill-organizzazzjonijiet tat-taħriġ;

(6) il-proċessi għall-ħruġ tal-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikati, u għas-sorveljanza kontinwa tad-detenturi ta' dawk il-liċenzji, il-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet u ċ-ċertifikati;

(7) is-superviżjoni kontinwa ta' persuni u organizzazzjonijiet li jeżerċitaw attivitajiet fit-territorju tal-Istat Membru, iżda li jkunu ċċertifikati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, kif miftiehem bejn dawn l-awtoritajiet;

(8) is-sejbiet, l-azzjonijiet korrettivi u d-data tal-għeluq tal-azzjoni;

(9) il-miżuri ta' infurzar li jkunu ttieħdu;

(10) l-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-miżuri ta' segwitu;

(11) l-użu ta' dispożizzjonijiet ta' flessibbiltà f'konformità mal-Artikolu 71 tar-Regolament (UE) 2018/1139; u

(12) l-evalwazzjoni u n-notifika lill-Aġenzija ta' kwalunkwe mezz alternattiv ta' konformità propost mill-organizzazzjonijiet u l-valutazzjoni ta' kwalunkwe mezz alternattiv ta' konformità użat mill-awtorità kompetenti nnifisha.

(c) Ir-rekords għandhom jinżammu għal perjodu minimu ta' 5 snin u fir-rigward tal-liċenzji tal-persunal għal perjodu minimu ta' 10 snin wara l-iskadenza tal-aħħar approvazzjoni fuq il-liċenzja, soġġett għal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* applikabbli.";

10. fil-punt ATCO.AR.C.001, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-awtorità kompetenti għandha tivverifika:

(1) il-konformità mar-rekwiżiti li japplikaw għal organizzazzjonijiet jew persuni qabel il-ħruġ ta' ċertifikat ta' organizzazzjoni jew il-liċenzja tal-persunal, iċ-ċertifikat, il-klassifikazzjoni jew l-approvazzjoni, kif applikabbli;

(2) il-konformità kontinwa mar-rekwiżiti applikabbli u l-kundizzjonijiet marbuta maċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, kif ukoll ir-rekwiżiti applikabbli għall-korsijiet ta' taħriġ, il-pjanijiet ta' taħriġ u l-iskemi ta' kompetenza tal-unità li approvat, u r-rekwiżiti applikabbli għall-persunal;

(3) l-implimentazzjoni tal-miżuri tas-sikurezza xierqa imposti mill-awtorità kompetenti kif iddefinit fil-punti (c) u (d) ta' ATCO.AR.A.025.";

11. jiddaħħal il-punt ATCO.AR.D.003 li ġej:

"**ATCO.AR.D.003 Bdil tal-awtorità kompetenti**

(a) Malli tirċievi talba tad-detentur tal-liċenzja għal bidla fl-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti li tirċievi għandha, mingħajr dewmien żejjed, titlob lill-awtorità kompetenti tad-detentur tal-liċenzja biex tittrasferixxi, mingħajr dewmien żejjed dawn kollha li ġejjin:

(1) verifika tal-liċenzja;

(2) kopji tar-rekords mediċi tad-detentur tal-liċenzja miżmuma minn dik l-awtorità kompetenti. Ir-rekords mediċi għandhom jiġu ttrasferiti b'mod kunfidenzjali f'konformità mal-punt ATCO.MED.A.015 tal-Anness IV (il-Parti ATCO.MED) u għandhom jinkludu sommarju tal-istorja medika rilevanti tal-applikant, ivverifikata u ffirmata jew awtentikata b'mod elettroniku mill-assessur mediku.

(b) L-awtorità kompetenti li tittrasferixxi għandha żżomm il-liċenzja oriġinali u r-rekords mediċi tad-detentur tal-liċenzja.

(c) L-awtorità kompetenti riċeventi għandha, mingħajr dewmien żejjed, tiskambja l-liċenzja u ċ-ċertifikat mediku diment li tkun irċeviet u pproċessat id-dokumenti kollha speċifikati fil-punt (a). Mal-iskambju tal-liċenzja u taċ-ċertifikat mediku, l-awtorità kompetenti riċeventi għandha titlob immedjatament lid-detentur tal-liċenzja biex jipprovdilha l-liċenzja maħruġa mill-awtorità kompetenti li tkun qed tagħmel it-trasferiment u ċ-ċertifikat mediku assoċjat.

(d) Il-liċenzja l-ġdida għandha tinkludi klassifikazzjonijiet, approvazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, approvazzjonijiet ta' liċenzji u l-approvazzjonijiet unitarji validi kollha fil-liċenzja, inkluż id-data tal-ewwel ħruġ u l-iskadenza, jekk ikun applikabbli.

(e) L-awtorità kompetenti riċeventi għandha tinnotifika immedjatament lill-awtorità kompetenti li tkun qed twettaq it-trasferiment ladarba tkun skambjat il-liċenzja u ċ-ċertifikat mediku u d-detentur tal-liċenzja jkun ipprovda l-liċenzja u ċ-ċertifikat mediku skont il-punt (c). Sakemm tasal din in-notifika, l-awtorità kompetenti li twettaq it-trasferiment tibqa' responsabbli għal-liċenzja u għaċ-ċertifikat mediku li jkunu nħarġu oriġinarjament lil dak id-detentur tal-liċenzja.";

12. il-punt ATCO.AR.D.005 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.AR.D.005 Revoka u sospensjoni ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet**

(a) Għall-fini tal-punt ATCO.A.020, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi proċeduri amministrattivi għas-sospensjoni u għar-revoka tal-liċenzji, tal-klassifikazzjoni u al-approvazzjonijiet.

(b) L-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-liċenzji fil-każ li l-inabbiltà provviżorja ma tiġix itterminata skont il-proċeduri msemmija fil-punt ATCO.A.015(e).

(c) L-awtorità kompetenti għandha tissospendi jew tirrevoka liċenzja, klassifikazzjoni jew approvazzjoni f'konformità mal-punt ATCO.AR.C.010 b'mod partikolari, fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(1) l-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja meta d-detentur tal-liċenzja ma jibqax jikkonforma mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament;

(2) il-kisba ta' liċenzja, klassifikazzjoni, approvazzjoni jew ċertifikat ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew kontrollur tat-traffiku tal-ajru b'falsifikazzjoni tal-evidenza dokumentarja sottomessa;

(3) il-falsifikazzjoni tal-liċenzja jew ir-rekords taċ-ċertifikat;

(4) l-eżerċitar tal-privileġġi tal-liċenzja, il-klassifikazzjoni(jiet) jew l-approvazzjoni(jiet) taħt l-influwenza ta' sustanzi psikoattivi.

(d) F'każijiet ta' sospensjoni jew revoka ta' liċenzji, klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tinnotifika bil-miktub lid-detentur tal-liċenzja u lill-fornitur rilevanti tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru b'din id-deċiżjoni, u tinforma lid-detentur tal-liċenzja bid-dritt ta' appell tiegħu f'konformità mal-proċeduri stabbiliti fil-punt ATCO.AR.A.010(m).

(e) L-awtorità kompetenti għandha wkoll tissospendi jew tirrevoka liċenzja, klassifikazzjoni jew approvazzjoni fuq talba bil-miktub tad-detentur tal-liċenzja.";

13. il-punt ATCO.AR.E.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.AR.E.001 Proċedura ta' ċertifikazzjoni għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ u l-ħruġ taċ-ċertifikat**

(a) Mal-wasla ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, l-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ mar-rekwiżiti applikabbli ta' dan ir-Regolament.

(b) L-awtorità kompetenti tista' titlob kwalunkwe awditu, spezzjoni jew valutazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ li tqis bħala meħtieġa qabel ma toħroġ iċ-ċertifikat.

(c) Jekk l-organizzazzjoni tat-taħriġ applikanti tissodisfa r-rekwiżiti applikabbli, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat permezz tal-format stabbilit fl-Appendiċi 2 tal-Anness II.

(d) Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ għal durata mhux limitata. L-attivitajiet li l-organizzazzjoni tat-taħriġ hija approvata biex twettaq għandhom jiġu speċifikati fid-dokument mehmuż maċ-ċertifikat.

(e) Meta sejba tal-livell 1 tibqa' miftuħa, iċ-ċertifikat ma għandux jinħareġ. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, sejba/iet, għajr tal-livell 1, għandha/hom tiġi/jiġu vvalutata/i u mmitigata/i kif meħtieġ mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u qabel ma jinħareġ iċ-ċertifikat l-awtorità kompetenti għandha tapprova pjan ta' azzjoni korrettiva għall-għeluq tas-sejba/iet.

(f) Biex organizzazzjoni tkun tista' timplimenta bidliet mingħajr approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.OR.B.015 u ATCO.AR.E.010(c), l-awtorità kompetenti għandha tapprova l-proċedura mressqa mill-organizzazzjoni tat-taħriġ, li tiddefinixxi l-ambitu ta' dawn il-bidliet u tiddeskrivi kif tali bidliet se jiġu mmaniġġati u nnotifikati.";

14. fil-punt ATCO.AR.E.005, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Għall-finijiet tal-bidla tal-awtorità kompetenti skont il-punt ATCO.A.010, l-awtorità kompetenti għandha tapprova jew tirrifjuta kors ta' approvazzjoni tal-unità stabbilit f'konformità mal-punt ATCO.B.020(b) u (e) mhux aktar tard minn 6 ġimgħat wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-kors, u l-iżgurar li jiġu rrispettati l-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u proporzjonalità.";

15. il-punt ATCO.AR.E.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.AR.E.015 Sejbiet, azzjonijiet korrettivi u miżuri ta' infurzar**

(a) L-awtorità kompetenti għandu jkollha sistema kif tanalizza s-sejbiet għas-sinifikanza tas-sikurezza tagħhom u tiddeċiedi dwar il-miżuri ta' infurzar abbażi tar-riskju maħluq min-nuqqas ta' konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ.

(b) Sejba tal-livell 1 għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità sinifikanti mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u ta' dan ir-Regolament, maċ-ċertifikat u/jew mat-termini tal-approvazzjoni u tal-privileġġi tiegħu, li joħloq riskju sinifikanti għas-sikurezza tat-titjiriet u/jew inkella jqajjem dubji dwar il-kapaċità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ li tkompli l-provvista tat-taħriġ.

Sejba tal-livell 1 għandha tinkludi, iżda ma tkunx limitata għal:

(1) l-għoti ta' taħriġ b'mod li jintroduċi riskju sinifikanti għas-sikurezza tat-titjiriet;

(2) nuqqas milli jingħata aċċess lill-awtorità kompetenti għall-faċilitajiet tal-organizzazzjoni tat-taħriġ kif definit fil-punt ATCO.OR.B.025 matul sigħat operattivi normali u wara żewġ talbiet bil-miktub;

(3) il-kisba jew iż-żamma tal-validità taċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ bil-falsifikazzjoni tal-evidenza dokumentata ppreżentata;

(4) evidenza ta' prattika ħażina jew użu frawdolenti taċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ; u

(5) in-nuqqas ta' maniġer responsabbli.

(c) Sejba tal-livell 2 għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti meta jiġi identifikat kwalunkwe nuqqas ta' konformità ieħor mar-rekwiżiti applikabbli tar-Regolament (UE) 2018/1139 u ma' dan ir-Regolament, mal-proċeduri u l-manwali tal-organizzazzjoni tat-taħriġ jew mat-tip(i) ta' taħriġ ipprovdut jew iċċertifikat.

(d) Meta tiġi stabbilita sejba waqt is-sorveljanza jew permezz ta' mezzi oħrajn, l-awtorità kompetenti għandha, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra meħtieġa skont ir-Regolament (UE) 2018/1139 u dan ir-Regolament, tikkomunika s-sejba lill-organizzazzjoni tat-taħriġ bil-miktub u titlob azzjoni korrettiva biex ikun indirizzat in-nuqqas ta' konformità identifikat.

(1) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 1, l-awtorità kompetenti għandha tieħu azzjoni immedjata u xierqa biex tipprojbixxi jew tillimita l-attivitajiet u, jekk ikun xieraq, għandha tieħu azzjoni biex tirrevoka ċ-ċertifikat jew biex tillimitah jew tissospendih kompletament jew parzjalment, skont l-estent tas-sejba, sa ma l-organizzazzjoni tat-taħriġ tieħu azzjoni korrettiva b'suċċess.

(2) Fil-każ ta' sejbiet tal-livell 2, l-awtorità kompetenti għandha:

(i) tagħti lill-organizzazzjoni tat-taħriġ perjodu ta' implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva inkluż fi pjan ta' azzjoni xieraq għan-natura tas-sejba; u

(ii) tivvaluta l-azzjoni korrettiva u l-pjan ta' implimentazzjoni proposti mill-organizzazzjoni tat-taħriġ u, jekk il-valutazzjoni tikkonkludi li dawn ikunu biżżejjed biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità, din għandha taċċettahom.

(3) Meta organizzazzjoni tat-taħriġ tonqos milli tissottometti pjan aċċettabbli ta' azzjoni korrettiva, jew milli twettaq l-azzjoni korrettiva fil-perjodu taż-żmien aċċettat jew estiż mill-awtorità kompetenti, is-sejba għandha tittella' għal waħda tal-livell 1 u għandha tittieħed azzjoni skont kif stabbilit fil-punt (d)(1).

(e) L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra s-sejbiet kollha li tkun stabbiliet u, fejn ikun japplika, il-miżuri ta' infurzar li tkun applikat, kif ukoll l-azzjonijiet korrettivi kollha u d-data tal-għeluq tal-azzjoni għas-sejbiet.

(f) Għal każijiet li ma jeħtiġux il-ħruġ tas-sejbiet tal-livell 1 u 2, l-awtorità kompetenti tista' toħroġ osservazzjonijiet.";

16. L-Appendiċi 1 tal-Anness II huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Appendiċi 1 tal-Anness II

Format għal-liċenzja

LIĊENJZA TA' (STUDENT) KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Il-liċenzja tal-kontrollur (student) tat-traffiku tal-ajru maħruġa f'konformità ma' dan ir-Regolament għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-kontenut. In-numru tal-element għandu dejjem jiġi stampat b'rabta mal-intestatura tal-element. L-elementi I sa XI huma elementi "permanenti", u l-elementi XII sa XIV huma elementi "varjabbli" li jistgħu jidhru fuq folja separata jew li tista' tinqala' minn mal-formola ewlenija. Kwalunkwe parti separata jew li tista' tinqala' għandha tkun identifikata b'mod ċar bħala parti mil-liċenzja.

1. Elementi permanenti:

(I) Stat li ħareġ il-liċenzja;

(II) titolu tal-liċenzja;

(III) numru tas-serje tal-liċenzja, li jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) tal-Istat li ħareġ il-liċenzja, segwit minn "Liċenzja ATCO (Studenti)" u kodiċi tan-numri u/jew ittri b'numri Għarab u bil-kitba Latina;

(IV) isem id-detentur sħiħ (b'kitba Latina, anke jekk il-kitba tal-lingwa/i nazzjonali ma hijiex il-Latin);

(IVa) id-data tat-twelid;

(V) indirizz tad-detentur, jekk meħtieġ mill-awtorità kompetenti;

(VI) in-nazzjonalità tad-detentur;

(VII) il-firma tad-detentur;

(VIII) l-awtorità kompetenti;

(IX) iċ-ċertifikazzjoni tal-validità u l-awtorizzazzjoni għall-privileġġi mogħtija, inklużi d-dati meta nħarġu għall-ewwel darba;

(X) il-firma tal-uffiċjal li ħareġ il-liċenzja u d-data ta' dan il-ħruġ;

(XI) is-siġill jew it-timbru tal-awtorità kompetenti.

2. Elementi varjabbli:

(XII) klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet bid-dati ta' skadenza;

(XIII) rimarki: approvazzjonijiet tal-profiċjenza lingwistika; u

(XIV) kwalunwke dettall ieħor meħtieġ mill-awtorità kompetenti.

(b) Il-liċenzja għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat mediku validu, ħlief meta l-privileġġi ta' għalliem jew ta' assessur jiġu eżerċitati f'ambjent ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku.

(c) Il-materjal. Karta tal-ewwel kwalità u/jew materjal xieraq ieħor, inklużi l-karti tal-plastik, għandhom jintużaw biex jipprevjenu jew juru mill-ewwel kwalunkwe alterazzjoni jew tħassir. Kull żieda jew tħassir fuq il-formola se jiġi awtorizzat b'mod ċar mill-awtorità kompetenti.

(d) Il-lingwa. Il-liċenzji għandhom jinkitbu bl-Ingliż u, jekk meħtieġ mill-Istati Membri, bil-lingwa/i nazzjonali u b'lingwi oħrajn kif meqjus xieraq.

Isem u logo tal-awtorità kompetenti (bl-Ingliż u bi kwalunkwe lingwa/i oħra/oħrajn kif stabbilit mill-awtorità kompetenti)	Rekwiżiti [1]
UNJONI EWROPEA (bl-Ingliż biss)	"Unjoni Ewropea" għandha titħassar għal Stati Membri mhux tal-UE.
LIĊENJZA TA' (STUDENT) KONTROLLUR TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU [bl-Ingliż u bi kwalunkwe lingwa/i oħra(jn) kif stabbilit mill-awtorità kompetenti] Maħruġa f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 Din il-liċenzja tikkonforma mal-istandards tal-ICAO [bl-Ingliż u bi kwalunkwe lingwa/i oħra(jn) kif stabbilit mill-awtorità kompetenti] Il-Formola 152 tal-EASA — Il-Ħarġa 2	Id-daqs ta' kull paġna għandu jkun 1/8 ta' daqs A4.

[1] Rekwiżiti:
Il-paġni li jirreferu għall-istruzzjonijiet dwar kif għandha timtela l-Liċenzja (tal-istudenti) tal-ATCO huma maħsuba għall-użu mill-awtorità kompetenti jew mill-assessur awtorizzat speċifikament biex jivvalida mill-ġdid jew iġedded l-approvazzjonijiet tal-unità. Il-kwistjonijiet inizjali tal-klassifikazzjonijiet, l-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni, l-approvazzjonijiet tal-lingwa, l-approvazzjonijiet tal-għalliem u tal-assessur dejjem se jiddaħħlu mill-awtorità kompetenti. Ir-rivalidazzjoni jew it-tiġdid ta' approvazzjonijiet tal-unità se jiddaħħlu mill-awtorità kompetenti jew mill-assessuri awtorizzati.

I	**Stat tal-ħruġ:**	Rekwiżiti:
II	**Titolu tal-liċenzja:**	
III	**Numru tas-serje tal-liċenzja:**	In-numru tas-serje tal-liċenzja dejjem se jibda bil-kodiċi tal-pajjiż tan-NU tal-Istat tal-ħruġ tal-liċenzja segwit minn "Liċenzja (tal-Istudenti) tal-ATCO".
IV	**Isem sħiħ tad-detentur:**	
IVa	**Data tat-twelid:**	Għandu jintuża format standard għad-data, jiġifieri jum/xahar/sena bis-sħiħ (eż. 31.1.2010)
XIV	**Post tat-twelid:**	
V	**Indirizz tad-detentur, jekk meħtieġ mill-awtorità kompetenti:** Triq, belt, żona, kodiċi postali	
VI	**Nazzjonalità tad-detentur:**	Indikat mill-kodiċi tal-pajjiżi tan-NU tal-Istat
VII	**Firma tad-detentur:**	
VIII	**Awtorità Kompetenti:**	
X	**Firma tal-uffiċjal li ħareġ il-liċenzja u d-data tal-ħruġ**	
XI	**Siġill jew timbru tal-awtorità kompetenti tal-ħruġ**	

IX **Validità tal-privileġġi:**

Id-detentur huwa intitolat jeżerċita l-privileġġi tal-klassifikazzjoni (jiet) u tal-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni li ġejjin, meta jiġu vvalidati:

Klassifikazzjoni(jiet)	*Data tal-ewwel ħarġa*

Approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni	*Data tal-ewwel ħarġa*

Rekwiżiti:

bl-Ingliż u bi kwalunkwe lingwa/i oħra/oħrajn kif determinat mill-awtorità kompetenti.

Id-data tal-ewwel ħruġ ta' klassifikazzjoni u/jew ta' approvazzjoni tal-klassifikazzjoni għandha tkun id-data tat-tlestija b'suċċess tat-taħriġ rilevanti għal dik il-klassifikazzjoni u/jew l-approvazzjoni tal-klassifikazzjoni.

XIIa **Klassifikazzjonijiet u approvazzjonijiet b'dati ta' skadenza**

Id-detentur huwa intitolat li jeżerċita l-privileġġi tal-klassifikazzjoni(jiet) u tal-approvazzjoni(jiet) tal-klassifikazzjoni li ġejjin fl-unità/unitajiet tas-servizz tat-traffiku tal-ajru li għaliha/hom l-approvazzjoni(jiet) attwali tal-unità tinżamm/jinżammu kif iddettaljat hawn taħt, biss jekk id-detentur ikollu ċertifikat mediku validu:

Unità (indikatur tal-ICAO) (*)	***Settur/Pożizzjoni*** (*)	***Klassifikazzjoni/ Approvazzjoni***	***Data ta' skadenza*** (*)	***Firma/timbru tal-awtorità jew numru tal-liċenzja u l-firma tal-assessur***

(*) Mhux applikabbli għal-Liċenzja tal-Istudenti tal-ATCO

XIIb	**Approvazzjonijiet oħrajn:** *Id-detentur huwa intitolat li jeżerċita l-privileġġi tal-approvazzjoni (jiet) li ġejjin* *OJTI/STDI/ Annotazzjoni ta' assessur* / *Data ta' skadenza* (3 empty rows)	Rekwiżiti: Mhux applikabbli

XIII	**Rimarki:** Approvazzjoni(jiet) tal-profiċjenza lingwistika: [lingwa/i/livell/data ta' skadenza]	Għandhom jiġu inklużi l-awtorizzazzjoni(jiet) tal-profiċenzja tal-lingwa, il-livell u d-data ta' skadenza. L-informazzjoni addizzjonali kollha dwar il-liċenzjar għandha tiddaħħal hawnhekk.

Taqsiriet

Klassifikazzjonijiet tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru		Rekwiżiti: Mhux applikabbli
ADV	Viżwali tal-Kontroll tal-Ajrudrom	
ADC	Kontroll tal-Ajrudrom	
APP	Kontroll Proċedurali tal-Avviċinament	
APS	Sorveljanza ta' Kontroll tal-Avviċinament	
ACP	Kontroll Proċedurali taż-Żona	
ACS	Sorveljanza ta' Kontroll taż-Żona	
Approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni		
SUR	Sorveljanza tal-Kontroll tal-Ajrudrom	
PAR	Radar ta' Avviċinament bi Preċiżjoni	
SRA	Avviċinament ta' Radar ta' Sorveljanza	
OCN	Kontroll Oċeaniku	
Approvazzjonijiet tal-liċenzja		
OJTI	Għalliem tat-taħriġ fuq ix-xogħol	
STDI	Għalliem ta' tagħmir ta' taħriġ sintetiku	
Assessur	Assessur".	

ANNESS III

L-Anness III (il-PARTI ATCO.OR) tar-Regolament (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

1. il-punt ATCO.OR.A.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.A.001 Kamp ta' applikazzjoni**

Din il-Parti, stabbilita f'dan l-Anness, tistabbilixxi r-rekwiżiti applikabbli għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru u ċ-ċentri ajrumediċi sabiex jinkiseb u jinżamm ċertifikat f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 u dan ir-Regolament.";

2. il-punt ATCO.OR.B.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.001 Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ**

(a) L-applikazzjonijiet għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandhom jiġu sottomessi lill-awtorità kompetenti fi żmien xieraq biex l-awtorità kompetenti tkun tista' tevalwa l-applikazzjoni. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa f'konformità mal-proċedura stabbilita minn dik l-awtorità.

(b) L-applikanti għal ċertifikat inizjali għandhom juru lill-awtorità kompetenti kif se jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2018/1139 u f'dan ir-Regolament.

(c) Applikazzjoni għal ċertifikat ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tinkludi dan li ġej:

(1) l-isem u l-indirizz tal-applikant;

(2) l-indirizz(i) tal-post(ijiet) ta' operat (inkluż, fejn ikun rilevanti, il-lista ta' unitajiet ATC) jekk ikunu differenti mill-indirizz tal-applikant fil-punt (1);

(3) l-isem u d-dettalji ta' kuntatt ta':

(i) il-maniġer responsabbli;

(ii) il-kap tal-organizzazzjoni tat-taħriġ, jekk ikun differenti mill-punt (i);

(iii) il-persuna/i nominata/i mill-organizzazzjoni tat-taħriġ bħala l-punt(i) fokali għall-komunikazzjoni mal-awtorità kompetenti;

(4) id-data tal-bidu maħsub tal-attività jew il-bidla;

(5) lista tat-tipi ta' taħriġ li għandhom jiġu pprovduti u mill-inqas kors tat-taħriġ wieħed minn kull tip ta' taħriġ li huwa maħsub li jiġi pprovdut;

(6) id-dikjarazzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti applikabbli li għandha tiġi ffirmata mill-maniġer responsabbli, u tiddikjara l-konformità tal-organizzazzjoni tat-taħriġ mar-rekwiżiti fi kwalunkwe waqt;

(7) il-proċessi ta' sistema ta' ġestjoni; u

(8) id-data tal-applikazzjoni.";

3. il-punt ATCO.OR.B.005 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.005 Mezzi ta' konformità**

(a) Organizzazzjoni tista' tuża kwalunkwe mezz alternattiv ta' konformità biex tistabbilixxi l-konformità ma' dan ir-Regolament.

(b) Jekk organizzazzjoni tkun tixtieq tuża mezz alternattiv ta' konformità, qabel ma tużah, għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'deskrizzjoni sħiħa tiegħu. Id-deskrizzjoni għandha tinkludi kwalunkwe reviżjoni għall-manwali jew għall-proċeduri li tista' tkun rilevanti, kif ukoll spjegazzjoni li tindika kif tinkiseb il-konformità ma' dan ir-Regolament.

L-organizzazzjoni tista' tuża dawk il-mezzi ta' konformità alternattivi soġġetti għal approvazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti.";

4. fil-punt ATCO.OR.B.010, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Sabiex jiġi żgurat li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti applikabbli fis-Sottoparti D tal-Anness I (il-Parti ATCO), il-privileġġ li jiġi pprovdut taħriġ tal-unità u/jew ta' kontinwazzjoni għandu jingħata biss lill-organizzazzjoni tat-taħriġ li:

(1) ikollhom ċertifikat għall-għoti ta' servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru; jew

(2) ikunu kkonkludew ftehim speċifiku ma' fornitur tal-ATC.";

5. il-punt ATCO.OR.B.015 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.015 Bidliet fl-organizzazzjonijiet tat-taħriġ**

(a) Il-bidla li ġejja għandha tirrikjedi approvazzjoni minn qabel l-implimentazzjoni tagħhom, sakemm tali bidla ma tkunx notifikata u ġestita f'konformità ma' proċedura approvata mill-awtorità kompetenti kif stabbilit fil-punt ATCO.AR.E.010(c):

(1) bidla li taffettwa l-ambitu taċ-ċertifikat jew it-termini tal-approvazzjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ; jew

(2) bidla li taffettwa kwalunkwe element rilevanti tas-sistemi ta' ġestjoni tal-organizzazzjoni tat-taħriġ.

(b) Għal kwalunkwe bidla li tirrikjedi l-approvazzjoni minn qabel f'konformità mal-punt (a), l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tapplika għal approvazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti, u tiksibha. L-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa qabel ma ssir il-bidla, sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tiddetermina t-tkomplija tal-konformità ma' dan ir-Regolament, u sabiex temenda, jekk ikun meħtieġ, iċ-ċertifikat tal-organizzazzjoni tat-taħriġ u t-termini tal-approvazzjoni relatati mehmuża miegħu.

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jipprovdu lill-awtorità kompetenti bid-dokumentazzjoni rilevanti kollha.

Il-bidla għandha tiġi implimentata biss mal-wasla tal-approvazzjoni formali mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.AR.E.010.

L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom joperaw taħt il-kundizzjonijiet preskritti mill-awtorità kompetenti matul dawn il-bidliet, kif ikun applikabbli.

(c) Il-bidliet fl-elementi msemmija fil-punt (a) minħabba ċirkostanzi mhux previsti għandhom jiġu nnotifikati lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien sabiex tinkiseb approvazzjoni kif meħtieġ.

(d) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti meta jwaqqfu l-attivitajiet tagħhom.";

6. il-punt ATCO.OR.B.020 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.020 Validità kontinwa**

(a) Ċertifikazzjoni ta' organizzazzjoni tat-taħriġ għandha tibqa' valida soġġett li ma jkunx hemm ċediment jew revoka u soġġett li l-organizzazzjoni tat-taħriġ tibqa' f'konformità mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2018/1139 u dan ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet relatati mal-immaniġġjar tas-sejbiet f'konformità mal-punt ATCO.OR.B.030.

(b) Iċ-ċertifikat għandu jiġi rritornat lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien mar-revoka tiegħu jew mal-waqfien tal-attivitajiet kollha.";

7. il-punt ATCO.OR.B.030 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.030 Sejbiet**

Wara li tasal notifika tas-sejbiet maħruġa mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.AR.E.015, l-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha:

(a) tidentifika l-kawża oriġinali tas-sejba;

(b) tiddefinixxi pjan ta' azzjoni korrettiv li jissodisfa l-aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti; u

(c) turi l-implimentazzjoni ta' azzjoni korrettiva b'mod li jissodisfa lill-awtorità kompetenti fil-perjodu miftiehem ma' dik l-awtorità, hekk kif iddefinit fil-punt ATCO.AR.E.015.";

8. il-punt ATCO.OR.B.035 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.035 Reazzjoni immedjata għal problema ta' sikurezza**

L-organizzazzjoni tat-taħriġ għandha timplimenta kwalunkwe miżura ta' sikurezza b'mandat mill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt ATCO.AR.A.025 (c) u (d) għall-attivitajiet tal-organizzazzjoni tat-taħriġ.";

9. il-punt ATCO.OR.B.040 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.B.040 Rapportar ta' okkorrenzi**

(a) Bħala parti mis-sistema ta' ġestjoni tagħhom, l-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom jistabbilixxu u għandhom iżommu sistema ta' rapportar tal-okkorrenzi, inkluż rapportar obbligatorju u volontarju. L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ stabbiliti fi Stat Membru u li jipprovdu taħriġ fuq ix-xogħol fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattati għandhom jiżguraw li s-sistema tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u l-atti ta' implimentazzjoni tiegħu u tar-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu.

(b) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ li jipprovdu taħriġ fuq ix-xogħol għandhom jirrapportaw lill-awtorità kompetenti u lil kwalunkwe organizzazzjoni oħra meħtieġa li tiġi infurmata mill-Istat Membru, fejn l-organizzazzjoni tat-taħriġ tipprovdi taħriġ fuq ix-xogħol, kwalunkwe avveniment jew kundizzjoni relatata mas-sikurezza li tirriżulta mill-attività tat-taħriġ tagħhom li tipperikola jew, jekk ma tiġix ikkoreġuta jew indirizzata, tista' tipperikola inġenju tal-ajru, l-okkupanti tiegħu jew kwalunkwe persuna oħra, u b'mod partikolari kwalunkwe aċċident jew inċident serju.

(c) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u għall-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, ir-rapporti f'konformità mal-punt (b) ta' hawn fuq għandhom:

(1) isiru malajr kemm jista' jkun, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa wara li l-organizzazzjoni tkun saret taf bl-avveniment jew il-kundizzjoni li għalihom jirreferi r-rapport, sakemm ma jinqalgħux ċirkustanzi eċċezzjonali li ma jippermettux li jsir dan;

(2) isiru f'forma u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti;

(3) ikun fihom l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-organizzazzjoni.

(d) Għall-organizzazzjonijiet tat-taħriġ mhux stabbiliti fi Stat Membru u li jipprovdu taħriġ fuq il-post tax-xogħol fit-territorju li għalih japplikaw it-Trattati, ir-rapporti obbligatorji inizjali għandhom:

(1) jissalvagwardjaw kif xieraq il-kunfidenzjalità tal-identità ta' min ikun għamel ir-rapport u tal-persuni msemmija fir-rapport;

(2) isiru malajr kemm jista' jkun, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien 72 siegħa wara li l-organizzazzjoni tkun saret konxja tal-okkorrenza sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi eċċezzjonali li jipprevjenu dan;

(3) isiru f'forma u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti; u

(4) jkun fihom l-informazzjoni pertinenti kollha dwar il-kundizzjoni magħrufa mill-organizzazzjoni.

(e) Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 376/2014 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu, fejn ikun rilevanti, għandu jsir rapport ta' segwitu li jipprovdi dettalji tal-azzjonijiet li l-organizzazzjoni jkun beħsiebha tieħu biex tipprevjeni okkorrenzi simili fil-ġejjieni, hekk kif dawn l-azzjonijiet ikunu ġew identifikati; dawk ir-rapporti ta' segwitu għandhom:

(1) jintbagħtu lill-entitajiet rilevanti inizjalment irrapportati f'konformità mal-punti (b) u (c); u

(2) jsiru f'forma u b'mod stabbiliti mill-awtorità kompetenti.";

10. fil-punt ATCO.OR.C.010, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) L-organizzazzjonijiet tat-taħriġ għandhom iżommu rekord tal-għalliema teoretiċi bil-kwalifiki professjonali rilevanti tagħhom, inkluż prova ta' għarfien u esperjenza adegwati, il-valutazzjoni tat-tekniki struzzjonali u s-suġġetti li huma intitolati li jgħallmu.";

11. fil-punt ATCO.OR.D.001, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) is-suġġetti, it-temi u s-sottotemi għall-approvazzjonijiet tal-klassifikazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I (il-Parti ATCO);";

12. il-punt ATCO.OR.E.001 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"**ATCO.OR.E.001 Ċentri ajrumediċi**

Iċ-ċentri ajrumediċi (AeMCs) għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tas-Subpartijiet ORA.GEN u ORA.AeMC tal-Anness VII tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 (ir-Regolament dwar l-Ekwipaġġ tal-Ajru) ([1]), b':

(a) ir-referenzi kollha għall-klassi 1 li għandhom jiġu sostitwiti bil-klassi 3; u

(b) ir-referenzi kollha għall-Parti MED għandhom jiġu ssostitwiti bil-Parti ATCO.MED.".

([1]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

ANNESS IV

L-Anness IV (il-PARTI ATCO.MED) tar-Regolament (UE) 2015/340 huwa emendat kif ġej:

1. fil-punt ATCO.MED.A.005, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-ħruġ, il-validità, ir-rivalidazzjoni u t-tiġdid taċ-ċertifikat mediku meħtieġ għall-eżerċitar tal-privileġġi ta' liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru jew ta' liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru; u";

2. fil-punt ATCO.MED.A.020, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) Barra mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (a), id-detenturi ta' ċertifikat mediku tal-klassi 3 għandhom, mingħajr dewmien żejjed u qabel jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja tagħhom, ifittxu parir ajrumediku meta:

(1) tkun saritilhom operazzjoni kirurġika jew proċedura invażiva;

(2) ikunu bdew jieħdu kwalunkwe medikazzjoni b'mod regolari;

(3) ikunu sofrew minn xi korriment personali sinifikanti li jwassal għall-inabbiltà li jeżerċitaw il-privileġġi tal-liċenzja;

(4) ikunu sofrew minn kwalunkwe mard sinifikanti li jinvolvi kwalunkwe inabbiltà li jiġu eżerċitati l-privileġġi tal-liċenzja;

(5) ikunu konxji li huma tqal;

(6) ikunu ġew rikoverati fi sptar jew fi klinika;

(7) jeħtieġu lentijiet ta' korrezzjoni tal-vista għall-ewwel darba.

F'dawn il-każijiet l-AeMC jew l-AME għandhom jivvalutaw l-idoneità medika tad-detentur tal-liċenzja jew l-istudent kontrollur tat-traffiku tal-ajru, u jiddeċiedu jekk humiex idonei biex ikomplu jeżerċitaw il-privileġġi tagħhom.";

3. fil-punt ATCO.MED.A.030, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) L-applikanti għal, u d-detenturi ta', liċenzja ta' kontrollur tat-traffiku tal-ajru, jew liċenzja ta' student kontrollur tat-traffiku tal-ajru, għandu jkollhom ċertifikat mediku tal-klassi 3, ħlief meta l-privileġġi jiġu eżerċitati f'ambjent ta' apparat ta' taħriġ sintetiku.".